# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

DIĊEMBRU 2004 • L-24 SENA • GHADD 245 • NEWSPAPER POS • ISSN 1811-5373



# IL-MILIED IT-TAJJEB

# DAWL FRANĠISKAN

DIĊEMBRU 2004
L-24 sena • Għadd 245



Ritratt tal-Qoxra:
"La Madonna di Foligno" - Raffaello
*Musei Vaticani*

**BORD EDITORJALI**
Leonard Falzon OFMCap (Direttur u Editur)
Andrè Azzopardi OFMCap (Viċi-Editur)
Krispin Tabone OFMCap
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Robbie Mamo
Alex Falzon GiFra

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone - Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - Tel: 2144 0083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu dirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur

**Ċentru Missjoni Kapuċċini**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Floriana - VLT 14**













# WERREJ


| | |
|---|---|
| 3 | **Kbir f'għemilu l-Mulej magħna.** *minn P. Leonard Falzon OFMCap* |
| 4 | **Eżekjel: Iben l-Eżilju** *minn Mons. Lawrenz Sciberras* |
| 6 | **Teleskopju fuq il-Ħajja** *minn P. William Axiaq OFMCap* |
| 8 | **Intervista: Fr. Joe Alessandro** |
| 10 | **Segretarjat Missjoni** |
| 11 | **Lejn Alla bl-Isport (9)** *minn Joe Attard* |
| 12 | **Laodiċija - Il-Metropoli ta' l-Asja** *minn P. Joe Buttigieg OFMCap* |
| 14 | **Djakunat** |
| 16 | **Il-Qima lejn San Franġsisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (20)** *minn Br Andrè Azzopardi OFMCap* |
| 18 | **Tweġiba** *minn P. William Axiaq OFMCap* |
| 19 | **Kuba: Ħidma Pastorali** *minn P. Philip Cutajar OFMCap* |
| 20 | **Kantanti b'Messaġġ** *minn Laurence Attard* |
| 21 | **O.F.S.** *minn P. Frans Abela Giusti OFMCap* |
| 22 | **Poeżija tal-Milied** *minn Kav. Joe M. Attard* |
| 23 | **Kunċizzjoni, Il-Qdusija ta' Marija** *minn P. Donat Spiteri OFMCap* |
| 25 | **L-Ewkaristija, Il-Beata Marija Adeodata Pisani OSB** *minn Joseph Flask* |
| 27 | **Tisliba u Rokna għat-Tfal** *minn P. Wistin Attard OFMCap* |
| 28 | **Vokazzjonijiet** minn Br Ivan Scicluna OFMCap |
| 29 | **Werrej għas-Sena 2004** |
| 32 | **Boroż ta' Studju** |




P. Leonard Falzon OFMCap

# Kbir f'għemilu l-Mulej magħna.

**"F'Diċembru fis-sala jidħol membru".** Dan l-għajdut jifforma parti mis-sensiela tal-qwiel Maltin li jsebbħu l-ilsien Malti. It-tifsira ta' dan il-qawl hija li Diċembru jingħaqad ma' sħabu x-xhur l-oħra biex tingħalaq is-sena u tinbeda oħra.



Ninsabu fi tmiem ta' żmien li jdaħħalna f'ieħor. F'dan il-perijodu, fil-kalendarju tal-Knisja u anki ċivili niltaqgħu ma' mumenti li joffrulna x'naħsbu u niċċelebraw.

Ninsabu fi żmien l-Avvent, żmien il-mistennija ta' xi ħadd li ġej: **'l Emmanu-el** (*il-Mulej magħna*). Fil-ħajja tan-nisrani, l-Avvent joffri waqt ta' tħejjija serja li twasslu li jagħmel ċelebrazzjoni b'tifsira. Din iċ-ċelebrazzjoni b'ebda mod m'għandha titqies biss mad-data tal-25 ta' Diċembru. Il-wasla ta' Ġesù fil-ħajja tan-nisrani hija kontinwa. Ġesù huwa l-Kelma t'Alla, l-Aħbar it-Tajba li, b'ammont ta' dixxerniment tiskopri li tkun imdawwar biha fil-persuni u l-ġrajja li ħajjitna tgħix u tiltaqa' magħhom.

Huwa veru wkoll li fid-direzzjoni tagħna u madwarna ma niltaqgħux biss ma' persuni u ċirkustanzi li joffrulna Aħbar Tajba. Ġesù nnifsu jwissina: *"Ara li ħadd ma jqarraq bikom. Għaliex ħafna jiġu f'ismi u jgħidu: 'Jiena l-Messija', u jqarrqu b'ħafna"* (Mt 24:4-5).

Twissija serja bħal din, li saret elfejn sena ilu, tista' għadha anki valida elfejn sena wara. Din iġġorr magħha appell għal attenzjoni (tħejjija) ħalli ma nagħmilx minn ħajti straġi frott ta' ngann li ġie offrut f'bixra ta' riċetta fejjieda. Jekk dan iseħħ fija, minn ħajti nkun għamilt jasar li ma jdewwaqnix ħlief imrar. Il-ferħ (ċelebrazzjoni) ma jkunx fl-aġenda ta' ħajti. F'sitwazzjoni bħal din, il-Milied ikun ġie u mar bla ma ħalla ebda marka ta' siwi f'ħajti.

Għall-kuntrarju, jekk it-tħejjija li l-Avvent jistedinni nagħmel titfisser f'attenzjoni tali, li ebda qerq ma jaħkimni, allura nkun nista' nagħmel tiegħi l-għajta li dwiet matul it-Testment il-Qadim: *"Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!"* Aħna fil Milied ninxeħtu għarkobbtejna nqimu lid-divinità ta' Kristu moħbija taħt l-umanità tiegħu. Alla għamel xi ħaġa iżjed minn hekk meta libes in-natura tagħna l-bnedmin, għax għaqqadha man-natura tiegħu billi ssellifha minn għandna. Kristu tbaxxa u sar bniedem biex il-bniedem ikompli jogħla iżjed u b'hekk isir iżjed bniedem. Fid-dawl tal-misteru tal-Milied naraw id-dawl fuq il-ħajja umana tagħna.

**Il-Milied it-tajjeb lil kulħadd.**

Mons. Lawrenz Sciberras

# EŻEKJEL
# IBEN L-EŻILJU

***Il-profeta Eżekjel huwa meqjus wieħed mill-erba' profeti kbar tar-Rabta l-Qadima. Nistgħu nżommu li dan Eżekjel huwa l-ewwel wieħed li rċieva s-sejħa tiegħu fl-eżilju ta' Babel. Huwa iben Bużi, ġej minn familja saċerdotali u għex kważi fl-istess żmien tal-profeta Ġeremija. Meta Nebukadnessar ħabat għal Ġerusalemm fis-sena 598 qabel Kristu, Eżekjel kien fost dawk l-għaxart elef li ttieħdu fl-eżilju ta' Babel flimkien mas-sultan tagħhom Ġeħojakin (2 Slat 24,14). Wara li kien ilu ħames snin f'dan l-eżilju Eżekjel ġie msejjaħ minn Alla biex ikun il-profeta tiegħu fost sħabu l-eżiljati (Eżek 1,2). Kien ukoll miżżewweġ u flimkien ma' martu taw is-sehem tagħhom fost l-eżiljati Lhud, ibda biex meta kien juża daru stess biex ilaqqa' ġo fiha u jgħallem il-liġi t'Alla.***



Isem il-profeta Yéheze'l ifisser Alla huwa b'saħħtu. Ismu jissemma biss tliet darbiet. Interessanti ħafna din għaliex meta wieħed jaħseb ftit li ktieb il-profeta idomm 48 kapitlu, madankollu isem il-profeta jidher biss darbtejn f'kitbietu.

## Missjoni tqila

Kull nabi ġie msejjaħ biex jaqdi missjoni speċifika u partikulari skond iż-żmien u ċ-ċirkustanzi. Imma l-missjoni t'Eżekjel kienet waħda kollha kemm hi differenti, tqila, diffiċli u ta' qtigħ il-qalb. Kien żmien meta l-poplu magħżul t'Alla kien jinsab ħafna kilometri bogħod minn art twelidu, mela wkoll it-tempju. Is-sagrifiċċji ta' kuljum għebu għal kollox mix-xena, is-saċerdozju b'dawk il-ħafna ċerimonji m'għadhomx hemm, il-festi tagħhom waqfu għal kollox u magħhom għebu wkoll l-offerti li kienu jiġu mgħobbijin bihom il-pellegrini, il-leħen tal-kant tas-salmi mmexxi mil-Leviti m'għadux jinstema' aktar. Fuq kollox Alla m'għadux preżenti fosthom u magħhom, għaliex it-tempju issa ġġarraf għal kollox. Għalhekk l-eżiljati

kienu jinsabu tassew fi stat ta' telqa, abbandun u qtigħ il-qalb l-aktar kbir.

Preċiżament f'dan il-kuntest wieħed għandu jaqra u jirrifletti sewwa s-Salm 137: "F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qagħdna bilqiegħda u bkejna, aħna u niftakru f'Sijon. Mas-siġar tal-luq tagħha, dendilna ċ-ċetri tagħna. Tibbiesli idi l-leminija, jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm! Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi, jekk ma niftakarx fik, Ġerusalemm".

Qalb din is-sitwazzjoni imwiegħra Alla bagħat lil profeta Eżekjel, biex bil-kelma qawwija tiegħu, bil-viżjonijiet li kellu u bit-tixbihat li ressaq quddiem ħutu l-Lhud seta' jtaffilhom xi ftit mid-dwejjaq li kienu qegħdin iġarrbu. Kien hemm it-tendenza li l-eżiljati jwarrbu lil Alla wieħed u veru tagħhom, dak ta' missirijiethom u jersqu lejn l-allat ta' Babel. U hawn deher ix-xogħol iebes, imma fl-istess waqt ta' fejda ta' Eżekjel. Kliemu għolla xi ftit 'il fuq il-moral magħkus tal-Lhud.

## Is-sistema sinagogali

Il-profeta bil-mod il-mod beda jqawwi qalb sħabu l-eżiljati, u fuq kollox jipprova jikkonvinċihom li Alla xorta waħda qiegħed preżenti fosthom u magħhom anke jekk 'il bogħod minn art twelidhom. Beda jiġbor madwaru xi nies ħdejn ix-xmara Kobar fir-raħal ta' Tel Aviv. Dan għamlu għaliex Eżekjel uża daru stess bħala ċentru missjunarju li dam għal 22 sena. In-nies bdew jaqraw il-kelma t'Alla miktuba, jimmeditawha u jxandruha. Dan kien ifisser li huma bdew iħossu li Alla qiegħed preżenti fosthom u magħhom.

Dan kien tassew żvilupp kbir fil-mentalità ta' l-eżiljati. Bdiet tingħata għalhekk l-importanza lill-ktieb. Issa dan qed iservi ta' mezz biex Alla jkun preżenti fosthom u magħhom. Hekk il-profeta Eżekjel kien tassew il-pijunier fis-sistema sinagogali li aktar 'il quddiem imbagħad kellha ssir iċ-ċentru ta' tagħlim u talb fost il-Lhud. "Ġara li fis-sitt sena, fil-ħames jum tas-sitt xahar, jien kont qiegħed f'dari, u l-anzjani ta' Ġuda bilqiegħda quddiemi" (Eżek 8:1).

Preċiżament il-mod ta' kif isir l-istudju u r-riflessjoni tat-Torà.

## Bniedem is-sinjali

Eżekjel kien tassew sinjal fost l-eżiljati, u Alla inqeda sew bil-preżenza u bis-sinjali li huwa għamel fost ħuti l-Lhud. Wieħed minn dawn is-sinjali kien il-mod ta' ħajja wara li mietet mart il-profeta, "l-għaxqa t'għajnejk". Irażżan it-tnehid tiegħu, ma jagħmilx vistu għal martu mejta, jorbot it-turbant fuq rasu, ixidd il-qorq, ma jqarwiż ilħitu u ma jikolx ħobż il-vistu. Meta mart il-profeta mietet tassew, u Eżekjel obda għall-amar t'Alla,



in-nies tant stagħġbu u rawha bi kbira din tal-profeta li staqsewh: "Ladarba qiegħed iġġib ruħek hekk, għaliex ma tgħidilniex xi jfissru dawn il-ħwejjeġ?". It-tweġiba li tahom Eżekjel kienet dik li qallu Alla: Ġerusalemm u s-santwarju se jiġu pprofonati għal kollox, uliedhom subien u bniet kollha jmutu bix-xabla u huma ma kellhom jagħmlu ebda vistu għal dan il-gwaj kollu. Hekk tassew li Eżekjel kien sinjal li jwassal tagħlim qawwi fost il-poplu.

Fost it-tagħlim li sewa ta' balzmu fuq il-feriti mdemma tal-Lhud kien dak ta' eżodu ġdid. Eżekjel ġab dan it-tagħlim meta huwa ra d-dehra tal-għadam niexef mitluq ġo foss waħdu. Wara li Eżekjel għajjat lir-ruħ, u nefaħ fuq dawn il-mejtin, dak l-għadam reġa' ħa l-ħajja. Din id-dehra l-profeta applikaha għal-Lhud, mitluqin f'art barranija. Kien se jasal iż-żmien meta dawn in-nies għad joħorġu u jirritornaw lejn pajjiżhom. U fil-fatt hekk ġara, grazzi għad-digriet ta' Ċiru, sultan tal-Persja.

Tagħlim ieħor kien dak tar-ragħaj. Alla jixbah lir-ragħaj li jiġbor madwaru l-merħla, lest li jerfa' lil dawk feruti u jeħodha f'mergħat tajbin. L-idea ta' sultan li jmexxi bl-iebes, issa nbidlet f'dik ta' ragħaj twajjeb u ħanin.

Meta wieħed jaħseb dwar dan kollu, jasal biex jikkonkludi kemm tassew Eżekjel huwa wieħed mill-benefatturi kbar tal-poplu magħżul. Alla ppermetta li Eżekjel imur snin qabel l-eżilju sabiex meta huma jmorru hemm ikun hemm min jilqagħhom u jmexxihom. Skond tradizzjoni qadima Lhudija, Eżekjel ġie kkundannat għall-mewt fi xjuħitu għax ġie mixli li kien qajjem lill-Lhud għall-fanatiżmu reliġjuż.•

P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-ħajja

***Irridu nidraw inħaddmu moħħna mhux biss biex ma jiġġamjax, imma biex iċ-ċelloli tiegħu jgħinuna nsiru dejjem iżjed għaqlin u mhux bravi biss. L-għerf qiegħed fil-kapaċità li nfasslu ħajjitna fuq dak li nagħrfu, jiġifieri fuq il-valuri tal-ħajja.***

## KOMPLOTT SIEKET

Fis-soċjetà ta' llum hawn ħafna diskors fuq id-drogi. Nitkellmu minn żgħażagħ, irġiel u nisa li huma dipendenti mid-drogi, ħfief u qawwijin. Waqt li nagħmlu hekk, nallarmaw ruħna. Dan jiġri għaliex bejn wieħed u ieħor nistgħu nobsru minn dak li nisimgħu, naqraw u nosservaw kemm id-drogi huma draguni. Imma fis-soċjetà ta' llum, kemm qegħdin nintebħu li, jekk ma aħniex taħt il-ħakma tad-drogi bħala drogi, aħna, fl-istess ħin, taħt il-qawwa ta' ċerti mezzi li għandhom tagħhom fuqna wkoll? Forsi xi wħud minna ma sarux dipendenti wisq mit-televixin, speċjalment minn ċerti programmi, minn rivisti, rotocalchi, cassettes u websites fuq l-internet pornografiċi? Forsi mhux veru li ħafna minna ma jistgħux jgħaddu mingħajr dan kollu, għax inqabdu fil-morsa tal-qilla ħażina tagħhom?

Ħafna minna saru qishom pazjenti bid-drip applikat mhux teknikament ma' xi vina ħoxna fuq wiċċ il-pala ta' idejhom, biex bil-mod kif imbagħad jaħdem jagħtihom il-ħajja, imma b'borża oħra mimlija mhux b'likwidu sustanzjuż, imma b'ideat strambi, ambigwi u perikolużi



**Mulej, "aħbini mill-konfoffa tal-ħżiena, mit-tixwix ta' dawk li jagħmlu l-ħażen" (S. 64 (63),3).**

moralment, applikata psikoloġikament ma' rashom u ma' qalbhom, ħejn jinġabar iċ-ċentru tad-deċiżjonijiet tagħhom.

L-ideat li semmejt qed jinfiltraw qatra qatra mhux fiċ-ċirkolazzjoni ta' demm ħafna nies, imma fil-mod kif jaħsbu, jitkellmu, jirraġunaw, jiddeċiedu u jopraw fil-ħajja. Iva, ir-rovina fl-imġiba morali qed tiġi misqija lil ħafna persuni bil-ftit il-ftit, ħalli ma tagħtix fl-għajn u tkun tista' taqbad ħafna ħut. Dan huwa l-brain-washing ta' llum li ħafna sfaw skjavi u vittmi tiegħu, jiddispjaċini ngħid.

Dak li għadni kemm għedt l-iżjed li qed jiġri fi kwistjonijiet delikati ħafna, li jirrigwardaw abbużi kontra l-valuri ta' l-għerusija nisranija (heavy petting u fornikazzjoni) u taż-żwieġ u tal-familja (infedeltà, adulterju, operazzjonijiet kontraċettivi (isterilizzazzjoni jew vasektomija) u użu ta' kontraċettivi li għandhom probabbiltà kbira li jikkaġunaw qtil ta' persuna innoċenti (the day after pill, coil...), abort volontarju...

Alla ħalaq lill-bniedem rajh f'idejh. Għamlu kapaċi jaħseb b'moħħu u mhux b'moħħ ħaddieħor u jiddeċiedi bir-rieda ħielsa tiegħu u mhux iħalli lil min jikkondizzjonah u jmexxih minn imnieħru. Imma bil-bombardiment sottili li hawn, ħafna qed jirrinunzjaw, forsi bla ma qegħdin jintebħu, għal dinjità daqshekk kbira. Qegħdin ibigħu lilhom infushom lil dawk it-talin li dwarhom jitkellem il-Ktieb tas-Salmi, meta jgħid li mill-moħba jolqtu 'l min hu bla ħtija, jolqtuh (spiritwalment u moralment) għal għarrieda, bla biża' ta' xejn. Dawn it-talin "moħħhom sħiħ fil-ħsieb ħażin tagħhom, jiftiehmu kif jonsbu bil-moħbi, u jgħidu: 'Min se jarana?' Ifittxu l-ħażen, ifasslu pjan maħsub sewwa. Min jifhem moħħ u qalb il-bniedem!" (Salm 64 (63),5-7).

## ĊERTI FUNERALI

Novembru, mal-miġja tiegħu, jitfa' 'l ħsibijietna fuq iċ-ċimiterju, wieħed mill-erba' kotba l-kbar - fejn hemm midfunin l-għeżież u l-ħbieb tagħna, li darba kienu



jaqsmu ħajjithom magħna. Il-ħdax-il xahar tas-sena jġagħalna naħsbu wkoll fuq il-funerali li ironikament f'dan ix-xahar ma tantx ikunu spissi daqskemm ikunu hekk matul xhur oħra, skond ma jgħidu l-kummissjonanti!

Le Rochefoucauld kien qal erba' kelmiet li baqa' magħruf għalihom sal-ġurnata ta' llum. Kiteb: "The pomp of funerals has more regard to the vanity of the living than to the honour of the dead." Forsi mhux vera jewwilla? Iva, ħafna mill-funerali li jsiru, isiru għal wiċċ in-nies u xejn iżjed. Isiru bil-kbir biex dan il-kobor ipaxxi l-frugħa tal-familjari, ħalli n-nies preżenti tinduna kemm kienu jħobbu l-persuna mejta!

Xi wħud jinqdew b'funerali pompużi biex in-nies tfaħħarhom; biex il-parruċċani jindunaw bis-setgħa u l-popolarità tagħhom f'dik il-lokalità partikolari; biex il-persuni li jieħdu sehem fihom jindunaw li dawn huma persuni li ma tilgħabilhomx!

Il-vanità fil-funerali tista' tidher minn kemm jagħmlu ħilithom in-nies tal-persuna mejta biex jorganizzaw quddiesa funebri b'konċelebrazzjoni numeruża u b'ħafna reċti oħrajn. Xi wħud meta jmutilhom xi ħadd imorru fil-kunventi jittallbu patrijiet bit-tużżana, daqslikieku l-patrijiet xi turtira pastizzi! Dan jagħmluh - mhux qed ngħid għal kull każ - biex ikunu jistgħu jiddandnu huma u jippruvaw jimpressjonaw lil ħaddieħor bil-fanfarunati tagħhom.

Xi ngħidu mbagħad għall-ġid li jakkwistaw il-mejtin minn ħafna funerali? Ftit li xejn. Fejn hemm il-frugħa, tagħsar u ma ssib xejn. Quddiem Alla jgħodd mhux kemm nagħmlu, imma dak li nagħmlu, nagħmluh u għal liema raġuni nagħmluh.

Xi familjari jibqgħu jużaw lil ħaddieħor u jissuktaw jixxalaw minn fuq dahru/daharha anki nhar il-funeral tiegħu/tagħha! Ara x'egoiżmu!

**Mulej, agħmel li fil-funerali tal-familjari tiegħi qatt ma nfittex il-prestiġju tiegħi nnifsi, imma l-ġid veru tal-persuna mejta li tkun.**

# ALIBI?

Fil-parroċċi tagħna, forst każini politiċi u soċjali, insibu dawk filarmoniċi jew tal-banda, kif insejħulhom fil-lokalitajiet tagħna. F'dawn il-każini nsibu persuni li ma jagħmlu xejn u oħrajn li jagħtu daqqa t'id mhux żgħira. Dawn ta' l-aħħar huma partitarji verament impenjati f'dak il-każin jew ieħor. Għall-patruni tagħhom kapaċi jagħmlu kollox, saħansitra jissallbu. Xi wħud minn dawn it-talin tgħidilhomx biex imorru l-knisja, la għall-quddies ta' nhar ta' Ħadd jew tal-festi kmandati, la għan-novena jew għat-tridu bi tħejjija spiritwali għall-festa tagħhom, u lanqas għall-quddiesa solenni bil-paneġierku nhar il-festa tal-patruni tagħhom. Xejn minn dan. Agħtihom jarmaw fit-toroq jew anke fil-knisja, imma attivitajiet reliġjużi, immedjatament qabel u fil-festa, issemmihomlhomx. Ma jridux jafu bihom.



Xi wħud qegħdin iħarsu lejn l-impenn ta' ċerti partitarji bħala espressjoni ta' fidi. Jgħidulek li ġaladarba qegħdin jieħdu sehem attiv fil-każin filarmoniku tal-partit li jżommu miegħu u qegħdin jagħtu ħafna minn ħinhom biex jarmaw, dan kollu jirrifletti sens reliġjuż f'dawn i-talin. Dak li qegħdin jagħmlu b'tant dedikazzjoni mhux ħaġa oħra għajr espressjoni ta' fidi u twemmin tassew ħaj.

Ma ngħidx li ma għandniex inkunu umani u naqbdu u nikkundannaw lil ħaddieħor bl-addoċċ. Dan qatt ma għandna nagħmluh għax immorru kontra l-ispirtu ta' l-Evanġelju. Iżda min-naħa l-oħra, ma rridux naqgħu fl-assurd u niġġustifikaw kollox. Ma rridx ngħid li dawk li jiffrekwentaw każini tal-banda u huma mbegħdin mill-Knisja huma nies ħżiena u dawk li jieklu l-Knisja fil-granet tal-festa m'hawnx aħjar minnhom. Dak li rrid ngħid huwa dan: ma nistgħux nimlew rasna u nserrħu l-kuxjenza tagħna għax ninsabu konvinti li ċerti partitarji huma impenjati sew fil-każin għax iħobbu tgħidx kemm il-patruni tagħhom u, minħabba f'hekk, ġa qed jagħmlu biżejjed fil-ħajja nisranija tagħhom. Ma naħsibx li huwa l-każ.

Mingħajr ma niċħad li jista' jagħti l-każ li partitarju jista' jinteressa ruħu fil-każin filarmoniku tiegħu, għax iħobb il-patruni tiegħu, ma nistax niċħad il-fatt li ħafna jaħdmu mhux minħabba raġunijiet spiritwali, imma minħabba motivazzjoni ta' kompetizzjoni, pika u mibegħda, iżjed u iżjed meta fil-parroċċa tiegħu jkun hemm każin filarmoniku ieħor, jekk mhux tnejn ukoll mal-wieħed tiegħu!

**Mulej, ġagħalni nifhem li qatt ma jaqbilli ninħeba wara subgħajja, iżjed u iżjed fejn jidħlu d-dmirijiet sagrosanti tiegħi bħala nisrani/nisranija**

# P. JOE ALESSANDRO OFMCAP



**Għażiż Fr. Joe, minn fejn inti u x'inhuma t-tifkiriet tal-familja tiegħek?**

Jiena twelidt ir-Raħal Ġdid hekk kif intemmet il-gwerra. Jiena t-tieni wild minn sitt aħwa li trabbejna magħqudin flimkien u, għall-grażżja ta' Alla, għadna hekk sa llum il-ġurnata għalkemm ilkoll ħadna l-istat fil-ħajja tagħna. Ħuti huma kollha miżżowġin bit-tfal. Missieri kien raġel ħabrieki ħafna, u kien ħaddiem sa minn żgħożitu fid-Dockyard. Ommi, mara tad-dar, bniedma siekta ħafna, kuntrarju ta' missieri li kien ċajtier u jirrakkonta ħafna. Kellna trobbija nisranija tajba ħafna – il-wirt li ħallewlna l-għeżież ġenituri tagħna.

**Kont tattendi f'xi għaqdiet reliġjużi jew soċjali qabel ma dħalt mal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini? X'effett ħallew fik dawn biex inti tkompli tikkoopera mal-grazzja ta' Alla?**

Iva, kont membru fis-Soċjetà tal-Museum sakemm dħalt novizz mal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini fl-1961. Kont nattendi fil-qasam ta' Raħal Ġdid fejn kont ħafna ferħan kemm meta fis-sjuf kien ikolli klassi tad-duttrina kif ukoll meta kont nattendi ta' kuljum il-laqgħat li kien ikollna. Hemm sibt ambjent li kien jikkomplimenta l-ambjent tal-familja – tagħlim u eżempji li sawru fija sisien fuq il-valuri ta' l-Evanġelju. Jiena konvint li din il-formazzjoni nisranija għenitni ferm fl-għażla tal-ħajja l-ġdida li ħaddant bħala reliġjuż.

**Kif ħassejt li Alla kien qiegħed isejjaħlek għalih?**

Kelli ziju li kien Patri Franġiskan Minuri, Patri Vitorin Alessandro, li ftit li xejn kont narah minħabba li għadda ħajtu kollha fil-Missjoni, l-ewwel fiċ-Ċina għal għoxrin sena u mbagħad għoxrin sena oħra fil-Gwatemala u daqstant snin oħra f'San Francisco. Kont narah biss meta kien jiġi Malta biex jara lil ħutu. Imma mill-ftit li kont narah dejjem ispirani biex jien ukoll inkun Franġiskan u missjunarju, ħaġa li dejjem tlabtha lil Alla. Minn fost sħabi tal-Museum kelli tnejn li kienu jattendu l-iskola tal-Patrijiet Kapuċċini u meta ġew biex jidħlu mal-Patrijiet ħajruni nidħol flimkien magħhom. Wara li kellimt lil min kien responsabbli minnhom iddeċidejt li nibda s-sena tan-noviżżjat flimkien magħhom. Fil-bidu kienet ftit iebsa għax ħassejt in-nuqqas tal-familja, ta' ħbiebi tal-Museum u ta' sħabi ta' l-iskola tal-Lyceum fejn kont nattendi.

**Wara li sirt reliġjuż u saċerdot, x'kien il-ministeru tiegħek fil-Provinċja?**

Jien ġejt ordnat djaknu u saċerdot fi Trento (1969-1970) fejn kont qed nagħmel l-aħħar sena ta' l-istudju tat-teoloġija. Wara li sirt saċerdot il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, Patri Franġisku Azzopardi, bagħatni nistudju Ruma t-teoloġija morali u xi korsijiet oħra ta' psikoloġija pastorali. Wara li ggradwajt irritornajt Malta bħala Direttur tal-Postulanti u ta' l-Istudenti. Bdejt ngħallem fl-INSERM u ftit wara r-reliġjon fl-iskola sekondarja Marija Assunta, il-Ħamrun. Kelli nieqaf minn għalliem tar-reliġjon wara tliet snin minħabba li sirt Gwardjan tal-Fraternità tal-Kalkara għal sitt snin.











**Naf li x-xewqa li tmur fil-Missjoni tagħna fil-Kenja kienet minn dejjem fik. Kif ġietek din ix-xewqa li imbagħad issarrfet f'realtà?**

Ix-xewqa li mmur fil-Missjoni kienet ilha fija, kif għedtlek qabel. Fis-sena li spiċċajt l-istudji tiegħi f'Ruma marru l-ewwel missjunarji tagħna fil-Kenja. Meta bdejt nara diversi Patrijiet sejrin hemm, anki wħud minn sħabi stess, aktar kibret fija x-xewqa iżda minħabba impenji li kelli fil-Provinċja talbuni biex inħalli ftit taż-żmien.

Wara disa' snin il-Kalkara talbuni mmur il-Floriana bħala Direttur ta' l-Istudenti tagħna fejn domt sitt snin. F'dan iż-żmien aktar żdiedu l-impenji tiegħi kemm fil-Provinċja bħala Definitur u Vigarju Provinċjali kif ukoll fl-INSERM fejn għażluni bħala Rettur ta' dan l-istitut ta' studji għar-reliġjużi Maltin. Kien fl-1989 meta kellna Kapitlu Provinċjali u rajt li kien il-mument fejn nista' nerġa' inressaq it-talba tiegħi biex immur il-Missjoni. Din id-darba t-talba tiegħi giet milqugħha u tlaqt lejn il-Missjoni f'Novembru ta' l-istess sena.

**Kif għaddejt is-snin li domt il-Kenja?**

L-ewwel tliet snin tiegħi fil-Kenja kont f'Garissa fejn kien hemm l-Isqof Kapuċċin Malti Mons. Pawlu Darmanin, Patri Silvestru Bonavia bħala Kappillan, Patri Ġwakkin Mercieca u Patri Manwel Micallef bħala responsabbli mill-Postulanti Kenjani u xi lajċi voluntiera Maltin.

Ix-xogħol prinċipali tiegħi kien li niehu ħsieb il-Boys Town li kellna, li fiha kien hemm mat-tmenin tifel (fqar jew orfni) li kienu jgħixu hemm u jmorru l iskola li kienet fil-qrib ħafna għal fatt li qabel kienet tal-Missjoni. Kont ngħin f'diversi proġetti ta' għajnuna b'riżq in-nies tal-post li l-parti l-kbira tagħhom kienu Musulmani. Dawn il-proġetti kienu jikkonsistu f'għoti ta' ikel, mediċini, edukazzjoni u tagħlim siewi lill-ommijiet fit-trobbija tat-tfal tagħhom. Pastoralment kont nieħu ħsieb il-knisja ta' Madogo ftit 'il barra minn Garissa fejn kien hemm diversi nsara, kif ukoll villaġġ żgħir fit-triq bejn Garissa u Madogo. Flimkien ma' Patri Silvestru konna niltaqgħu ma' l-istudenti Kattoliċi, li kienu fil-minoranza, f'erba' skejjel sekondarji li kien hemm u norganizzaw flimkien magħhom laqghat ta' talb u l-quddiesa tal-Ħadd fl-istess skejjel. F'dawn it-tliet snin kont kuntent ħafna minkejja s-sħana ekwatorjali, in-nixfa ta' madwar, in-nuqqas ta' xi 'kumditajiet' u n-nuqqas ta' sigurtà. Hemm kont inħossni qed ngħix l-Evanġelju b'mod l-aktar sempliċi: nitma lil min hu bil-guħ, nagħti l-ilma lil min jitlobni (u kienu ħafna li kienu jiġu għall-ilma), nieħu l-morda l-isptar u lura lejn id-dar bil-karozza nofs kedda tal-Missjoni, inqassam jew nixtri xi mediċini, inġorr ukoll xi mejjet mill-isptar għaċ-ċimiterju, inżur lill-ħabsin, ngħin fit-tagħlim lil min ma jafx. Kienet esperjenza li fiha qsamt tliet snin minn ħajti ngħix mal-foqra u ngħinuhom – kienu snin sbieħ tassew.

Wara tliet snin kellna Kapitlu fil-Kenja u għażluni biex inkun is-Superjur. Allura kelli nitlaq minn Garissa biex immur Nairobi fejn għandna d-dar ċentrali li minnha wieħed jista' faċilment jilħaq il-bżonnijiet tal-missjunarji kollha mxerrdin ma' ħafna bnadi. Ix-xogħol prinċipali tiegħi kien li nikkoordina l-ħidmiet tal-missjunarji, inżurhom kull fejn kienu u nżur ukoll iż-żewġ seminarji li għandna hemm. Xogħol differenti minn ta' qabel, li qatagħni xi ftit min-nies u li minħabba fih kelli nivvjaġġa distanzi twal minn post għal ieħor.

**Naħseb li mument drammatiku f'ħajtek kien l-inċident li kellek fil-Missjoni. Kif tiddeskrivi dan il-mument u llum kif tħares lejh?**

Lanqas kienet għaddiet sena minn meta sirt Superjur li ma kellix

inbiddel l-istorja ta' ħajti fil-Missjoni f'għamża ta' għajn. Kien f'wieħed minn dawn il-vjaġġi li kont qed nagħmel minn wieħed mis-seminarji tagħna lura lejn Nairobi, flimkien ma' Patri Hilary Abela u tliet voluntiera lajċi Maltin, meta fit-triq iltqajna mal-ħallelin armati u li sparaw fuqna u laqtuni. Kien mument fejn kelli ħafna għajnuna mingħand Alla. Gravi kif kont mixħut ma' l-art, mitluq waħdi f'nofs kważi deżert, ma qtajtx qalbi li l-Mulej mhux se jieħu ħsiebi, kif fil-fatt ġara għax wara xi ħin waslet l-għajnuna li pprovdieli l-Mulej. Minħabba l-gravità ta' l-inċident kelli niddaħħal l-isptar ta' Nairobi għal tliet ġimgħat u mbagħad ġejt ittrasferit fi sptar f'Londra fejn domt tliett xhur għall-kura. Xtaqt li ma nabbandunax il-Missjoni, iżda ċ-ċirkustanzi wrewni li jkun aħjar li nitlob li nirriżenja minn Superjur ħalli l-affarijiet ikunu jistgħu jibqgħu mexjin. Patri Pelagju Bilocca kien ta' għajnuna kbira kemm biex iddeċidejt li nitlaq lejn il-Missjoni, kemm meta kont hemm kif ukoll fis-sena li domt Superjur u fix-xhur li domt l-isptar li kompla jmexxi hu f'ismi. Meta rtirajt minn Superjur talbuh ikompli jmexxi hu.

Illum inħares lejn din il-parti ta' l-istorja ta' ħajti bħala parti mill-pjan ta' Alla għalija li, għalkemm mhux dejjem nifhem, imma konvint li dak kollu li jiġri jiġri għall-ġid.

**F'Mejju li għadda sirt Ministru Provinċjal. X'viżjoni għandek għall-Provinċja u kif taħseb li l-preżenza tal-Patri Franġiskan Kapuċċin fis-soċjetà ta' llum tinħass iżjed?**

Fil-Kapitlu Provinċjali li kellna f'Mejju għażluni bħala Provinċjal. Hija responsabbiltà kbira, iżda huwa ministeru li permezz tiegħu nista' naqdi lil ħuti l-Patrijiet ħalli flimkien niskopru xi jrid Alla minna u flimkien nippruvaw inwettquh.

Il-viżjoni għall-Provinċja tagħna hija l-viżjoni li bħalissa għandu l-Ordni Kapuċċin mad-dinja fejn jinsab. Bħalissa l-Ordni Kapuċċin qed jipprova jgħix il-kariżma tal-minorità, jiġifieri li aħna rridu nagħtu xiehda li aktar ma niċċekknu quddiem Alla u anki quddiem il-bnedmin, Alla aktar jaħdem fina u permezz tagħna. Din is-sena l-Ordni Kapuċċin għadu kemm temm sensiela ta' laqgħat fuq livell internazzjonali ta' kif irridu nifhmu u nwettqu din il-kariżma ta' minorità li kellu San Franġisk. Dan irid iseħħ fis-soċjetà tagħna fejn il-poter, l-għana, il-pożizzjoni, l-awtorità (tkun xi tkun) faċilment itellfu s-sens ta' ugwaljanza, ta' djalogu, ta' trasparenza, ta' ġustizzja u ta' fraternità fost il-bnedmin.

Inħoss li jekk aħna hawn Malta jkollna din l-istess viżjoni ta' l-Ordni, allura l-preżenza tagħna tkun qed turi valuri differenti minn tas-soċjetà ta' llum, imma li huma valuri dejjiema għax mibnija fuq il-valuri ta' l-Evanġelju.

**Fl-aħħarnett, x'taħseb li hu l-messaġġ evanġeliku li għandu bżonn il-bniedem ta' llum?**

Huwa proprju dan, li ma nserrħux rasna fuq l-idoli li noħolqu aħna jew li tippreżentalna kontinwament is-soċjetà, l-aktar permezz tal-media u ta' ideat li aktar ma jkollok u takkwista, b'kull mod possibbli, aktar tafferma lilek innifsek, aktar tgħix b'moħħok mistrieħ u komdu u aktar tħossok tiddomina fuq l-oħrajn. Is-sempliċità evanġelika dejjem ħalliet effett qawwi fuq is-soċjetà. Għandna diversi eżempji: San Franġisk, Madre Tereża, San Piju ta' Pietrelċina, Santa Tereża tal-Bambin Gesù u tant oħrajn. Aktar ma niċċekknu quddiem Alla aktar Alla jinqeda bina. Marija hija l-mudell: "Huwa ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu ..." •

# Il-Isqof Mons. Pawlu Darmanin jirritorna fid-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja.

## Tislima lil Elizabeth Rizzo Naudi u Francesca Murellato



Il-firda ta' Francesca Murellato u Elizabeth Rizzo Naudi, missjunarja Taljana f'Wajir u ammirattriċi u benefattriċi tal-Missjoni fil-Kenja, kienet okkażjoni ta' laqgħa tas-Segretarjat tal-Missjoni Kapuċċini u għadd ta' Voluntiera missjunarji Lajċi.

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2004, fil-kappella ta' Lourdes, il-Furjana, Mons. Isqof Pawlu Darmanin, li kien f'Malta għall-Kungress tas-Saċerdoti, mexxa konċelebrazzjoni b'suffraġju u radd il-ħajr lejn Elizabeth Rizzo Naudi u Francesca Murellato. Preżenti kienu sitt Patrijiet immexxija mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro OFMCap, il-Professur John Rizzo Naudi u għadd ta' voluntiera missjunarji lajċi b'esperjenza ta' xhur fil-Missjoni ta' Garissa, il-Kenja.

Insellmu lill-Mons. Isqof Pawlu Darmanin li rritorna l-Kenja, wara ġranet b'impenn fostna u nawgurawlu ħidma fejjieda fid-Djoċesi tiegħu Garissa.

*Joe Attard (Coach)*

# LEJN ALLA BL-ISPORT (9)





L-aktar sport impenjattiv u li jirrikjedi kuraġġ kbir, fl-opinjoni tiegħi, hija l-maratona. Din l-attività teħtieġ preparazzjoni fiżika twila u serja. It-taħriġ għal din id-dixxiplina sportiva hu iebes u monotonu. Trid tqum kmieni filgħodu jew tard filgħaxija, wara ġurnata xogħol, tilbes it-track suit, u jkun xi jkun it-temp, toħroġ tiġri fit-triq armat b'arloġġ biex iżżomm il-ħin. Trid ukoll tieħu ħsieb id-dieta meħtieġa biex il-ġisem ikun f'siktu għal dan l-istrapazz. Imma fuq kollox trid kuraġġ u perseveranza kbira biex jirnexxilek tilħaq l-għan tiegħek. Din it-tiġrija fit-tul dejjem ġibdet l-ammirazzjoni tiegħi għax fiha nara atleti determinati li jsofru mingħajr gdiedem u li lesti jagħmlu kollox biex jirnexxu fit-tellieqa, jekk ma jiġux l-ewwel għallinqas jispiċċaw it-tellieqa.

Meta nara s-sagrifiċċji li jagħmlu dawn l-atleti ma nistax ma naħsibx fuq l-importanza li aħna bħala Kattoliċi għandna nagħtu lill-ħajja spiritwali tagħna. Kulħadd irid imur il-ġenna, imma bl-inqas tbatija kemm jista' jkun. Qisna dawk li jridu jiġru l-maratona mingħajr taħriġ u sagrifiċċji. Kulħadd irid jirbaħ il-premju, imma mhux lest li jqum filgħodu kmieni jew tard filgħaxija wara x-xogħol biex jittrenja. Kemm minna jsibuha diffiċli li jqumu kmieni biex jisimgħu quddiesa qabel imorru għall-ħidma tagħhom. Dan meta l-knejjes tagħna huma pass 'il bogħod minn djarna. Jekk ma nagħmlux dan filgħodu għallinqas nistgħu nagħmluh filgħaxija għax issa kull parroċċa għandha quddiesa dak il-ħin. L-istess għat-tqarbin, dan is-sagrament għandu jkun parti mid-dieta spiritwali tagħna, il-breakfast ta' kuljum jekk aħna rridu li nispiċċaw it-tiġrija li twassalna lejn Alla. Imma le, aħna m'aħniex lesti nħallu s-sodda daqsxejn kmieni jew li nimmissjaw xi programm televiżiv filgħaxija biex nitħarrġu spiritwalment. F'kelma waħda, irridu nirbħu mingħajr ma nittrenjaw.

Ħsieb ieħor li jgħaddili minn moħħi meta nara alteti jiġru filgħodu kmieni hu l-fatt li għal dawn il-ġerrejja tal-maratona t-tiġrija hi dejjem f'moħħhom u kull ma jagħmlu, jagħmluh b'imħabba lejn l-isport tagħhom. Din għandha tkun ta' tagħlima għalina biex matul il-ġurnata noffru xogħolna b'imħabba lil min ħalaqna. Meta kont nakkompanja tim tal-futbol f' pajjiż Komunista (issa m'għadux), l-organizzaturi tat-turnament kienu ħaduna naraw fabbriki kbar tal-pajjiż. Bqajt skantat meta f'dawn il-fabbriki kull siegħa kienet iddoqq qanpiena biex il-ħaddiema jqumu minn fuq is-siġġu li jkunu qed jaħdmu fuqu jew iħallu l-għodda u jagħmlu minuta jistreċċjaw ġisimhom. Ma tkunx ħaġa tajba nikkupjaw lil dawn il-ħaddiema u kull siegħa niftakru għal ftit mumenti fil-Ħallieq tagħna?!

**Jekk nieħdu ħsieb ġisimna biex ikun b'saħħtu ħalli nkunu nistgħu nikkompetu f'tellieqa impenjattiva, kemm għandna nieħdu ħsieb ruħna li trid tiffaċċja t-tentazzjonijiet li jħufu madwarna!**

P. Joe Buttigieġ OFMCap

# LAODIĊIJA

## IL-METROPOLI TA' L-ASJA

Mill-ħafna bliet li ġew imsejħa Laodiċja, fis-Sirja u fl-Asja ż-Żgħira, waħda biss hija mniżżla fl-Iskrittura, dik ta' bejn il-Friġja u l-Lidja, mistrieħa fuq ix-xatt tax-xmara Liċju flimkien maż-żewġt ibliet l-oħra Kolossi u Ġerapoli.

Il-bidu tagħha huwa tat-Tielet Seklu qabel Kristu (261-253). Kienet magħrufa bħala Diosopoli u Rhoas, imma r-re Antijoku II ħakem fuq is-Sirja wara l-mewt ta' Alessandru l-Kbir, semmieha għall-mara tiegħu Laodiċija.

Il-belt, imbagħad, għaddiet taħt il-ħakma ta' Pergamu (190 q.K.), u iktar tard, taħt dik Rumana fis-sena 133 q.K.

Żewġ toroq importanti kienu jgħaddu minn din il-belt. Il-waħda mill-portijiet ta' Efesu u Miletu lejn is-Sirja, u l-oħra minn Pergamu lejn il-port ta' Attalja (illum Antalya) fil-Mediterran.

Imma l-belt ta' Laodiċija kellha problema kbira, dik ta' l-ilma. Hija ma kellhiex l-ilma frisk ta' Kolossi, lanqas l-ilma sħun, bil-qawwa tal-fejqan ta' Ġerapoli. L-ilma kien meħtieġ li jitwassal sa hawn minn xi 8Km 'il bogħod. Imma kien jiġri li sakemm dan l-ilma kien jasal sal-belt, kien isir fietel, la kiesaħ u lanqas sħun, hekk li meta wieħed kien jixrob minnu, kien idardru sat-tqalligħ.

Minkejja kollox, Laodiċija kienet magħrufa bħala belt sinjura ħafna. Kienet iċ-ċentru bankarju ta' l-Asja ż-Żgħira kollha. Dan għamilha l-iktar belt sinjura fost is-sebat ibliet. Il-ġid tagħha kien ġej mill-art għammiela u mill-industrija tat-tessuti. In-nies tagħha kienu jħobbu jiddandnu bi drapp li minnu kienu jħejtu erba' lbiesi differenti. Dan kien imfittex ħafna mid-dinja ta' dak iż-żmien. Dan id-drapp kien ta' lewn iswed minsuġ minn suf iswed li fid-dehra tiegħu ma kienx jingħaraf mill-ħarir!

Tant kienet sinjura li meta fis-sena 60 w.K. sfat meqruda minn terrimot qawwi, in-nies tagħha m'aċċettawx l-għajnuna li riedet tagħtihom Ruma, u għażlu li jerġgħu jibnuha huma stess minn flushom.

Il-kburija tan-nies tal-belt kienet tkompli turi ruħha fis-sejba ta' trab mediċinali li kien ifejjaq lill-għajnejn dgħajfa. Dan it-trab kien jiġi esportat taħt forma ta' pilloli lejn il-Mediterran kollu.





In-nies ta' din il-belt kienu jħobbu l-pjaċir. Dan jidher mill-fatt li l-belt kellha stadju kbir ħafna mibni minn Nicostratus u ddedikat lill-imperatur Vespasjanu fis-sena 79 w.K., u żewġ teatri. Ħdejn dan insibu xi fdalijiet ta' banjijiet ta' żmien l-imperatur Adrijanu (117-138 w.K.). Fdalijiet oħra żgħar huwa l-bieb imsejjaħ ta' Efesu. Dan kien bi tliet arkati u ddedikat lill-imperatur Domizjanu (81-96). Hemm ħafna oħrajn li ma jidhrux għax mirduma.

Ix-xogħol tat-tfittix arkeoloġiku beda bejn is-snin 1961-63 minn tim Kanadiż immexxi minn Jean des Gagniers. Dan l-aħħar kien reġa' hemm xi ċaqliq biex forsi jerġgħu joħorġu fil-beraħ xi ftit mill-fdalijiet li huma ta' interess.

Fl-ewwel seklu w.K., f'Laodiċija nsibu komunità Lhudija mdaqqsa. L-Evanġelju wasal f'din il-belt għas-salvazzjoni ta' dawk li laqgħuh permezz ta' Epafra, "qaddej ta' Ġesù Kristu" (Kol. 4:12-13), u dixxiplu ta' San Pawl. Nafu li lejn is-sena 60 w.K., il-ġemgħa nisranija f'hawnhekk kienet tiltaqa' fid-dar ta' waħda mara jisimha Ninfa.

Għalkemm San Pawl isemmi lill-"aħwa ta' Laodiċija" fl-ittra tiegħu lill-Kolossin, ma jidhirx li qatt mar iżurhom. Mill-istess ittra nafu li kien kitbilhom ukoll ittra lil dawn, imma din baqgħet ma waslitx għandna (Kol. 4:14-16).

Il-Knisja f'Laodiċija hija l-aħħar fost is-seba' Knejjes li lilha "il-leħen qawwi bħal ta' tromba" (Apok. 1:10) iħabbar. Għaliha biss m'għandux kelma tajba xi jgħid. Infatti, mill-ittri l-oħra kollha, għaliha, din hija l-iktar waħda sarkastika u taqta'!

Minn dak li jingħad wieħed malajr jista' jifhem li l-ġemgħa nisranija kienet qed tgħix ħajja bierda tixbah lil dak l-ilma fietel li jwassal biex "nobżqok minn ġo ħalqi" (3:16); ħajja ta' pjaċiri, ta' lussu, ta' lbies fin, imma "bla ma taf li l-imsejken huwa int... agħma u għeri" (vs.17).

Il-profeta jgħaddi biex jagħtiha parir "biex tiġi tixtri mingħandi deheb imsoffi bin-nar, ħalli tistagħna; u lbies abjad, ħalli jkollok x'tilbes u tgħatti l-għajb ta' l-għera tiegħek; u wkoll ingwent, ħalli tidlek għajnejk u tkun tista' tara" (vs.18). U jistedinha, "tħeġġeġ u indem" (vs.19), ħa toqgħod "maġenbi fuq it-tron tiegħi" (vs. 21).

Imbagħad fis-seklu 4 Laodiċija kienet saret ċentru nisrani famuż dik in-naħa tal-Frigja, hekk li xi hadd laqqamha "il-Metropoli tal-Asja". Kienu diversi s-Sinodi li ġew iċċelebrati mill-Knisja f'hawnhekk. Sinodu importanti kien dak li kellu bħala aġenda għad-diskussjoni l-jum li fih kellu jiġi ċċelebrat l-Għid il-Kbir. Mexxej ta' dan is-Sinodu kien l-Isqof tal-belt, Sagaris, maqtul mill-prokonslu Serġju Pawlu (164-166). Polikrati ta' Efesu jniżżel l-isem ta' l-Isqof Sagaris ma' dawk f'oħrajn bħalma kienu l-Appostli Ġwanni u Filippu, Melitone ta' Sardi u San Polikarpu ta' Smirna, imsejħa kolonni tal-Knisja. Martri oħra ta' din il-knisja kienu l-isqof Teofilu, wieħed jismu Filippu u ħames insara oħra miegħu. Ma' dawn inżidu ħamsin martri oħra li jsemmi il-martiroloġju Ġeronimjan.

Fis-sena 361 w.K. kien ġie ċċelebrat Sinodu ieħor importanti minħabba li kien f'dan is-Sinodu li ġie mwaqqaf il-Kanoni ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

Fis-sena 494 w.K., il-belt ta' Laodiċija nqerdet kważi għal kollox. Għalhekk in-nies tagħha telquha u bdew jibnu ftit 'il bogħod minnha fejn illum hemm il-belt Torka imsejħa Denizli. Ħafna kienu t-tentattivi biex Laodiċija terġa' tinbena, imma fis-sewwa kollu qatt ma reġgħet ħadet il-ħajja li kellha qabel, anzi bil-mod il-mod, tul is-sekli hija tilfet kollox u ġiet imħollija għal riħha.

Fejn darba kien hemm il-belt ta' Laodiċija, illum m'hemm xejn ħlief xi ftit ġebel. It-Torok sejħu dan l-imkien "Eski Hisar", li tfisser kastell qadim.

## TALB GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2004

1. **Biex it-tfal jitqiesu bħala rigal prezzjuż mingħand Alla u jingħataw ir-rispett, il-komprensjoni u l-imħabba li jixirqulhom.**
2. **Biex l-Inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu tkun il-mudell ta' kull tħabrik awtentiku għall-inkulturazzjoni ta' l-Evanġelju.**
3. **Biex ix-xewqat tajba li nagħtu fil-Milied ma jkunux kliem voljt, imma impenn serju li naħdmu għall-paċi u għas-solidarjetà fost il-bnedmin.**

L-Aħwa Kapuċċini André Azzopardi u Hayden Williams irċievu l-Ordni tad-Djakunat fil-Bażilika ta' Marija Bambina, fl-Isla, flimkien ma' tliet kanditati oħra mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, nhar il-Ħadd, 17 t'Ottubru 2004.

Hawn għandna reazzjoni ta' l-Aħwa André u Hayden għal din l-esperjenza fil-mixja tagħhom lejn is-saċerdozju bħala risposta għal dawn il- mistoqsijiet:

1. **X'kienet tfisser l-Ordinazzjoni tad-djakonat għalik?**
2. **Kif se taqdi l-ministeru tad-djakonat fiż-żmien li ġej?**
3. **X'messaġġ għandek għal dawk li qed iħejju ruħhom biex xi darba jirċievu din l-Ordinazzjoni?**

## Br André



1. Għalija kien mument li kont ili ħafna nistennieh. Wara diversi snin fil-formazzjoni kont qed inħares 'il quddiem lejn dan il-mument. Żgur li nqisu bħala rigal kbir li Alla għoġbu jagħtini f'ħajti. Inqisu bħala rigal għaliex żgur li ma jistħoqqlix. Imma fl-aħħar mill-aħħar kif jgħidilna Ġesù fl-Iskrittura Mqaddsa *"Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa'"* (Ġw15:16). Għalhekk dak il-mument meta jien kont qed niġi ordnat fisser il-fedeltà kbira t'Alla lejja u turija ta' l-imħabba li hu għandu għalija.

2. Il-Knisja żammet mill-qedem il-prattika li tordna Isqfijiet, Presbiteri u lil dawk li 'jaqduhom' msejħin bħala Djakni. Għalhekk, min-natura tiegħu, dan il-ministeru għandu marbut miegħu sens ta' qadi u servizz. Permezz ta' din l-Ordinazzjoni, id-djaknu hu fid-dmir li jgħin lill-Isqof

# L-AĦWA KAPUĊĊINI ANDRÉ AZZOPARDI U HAYDEN WILLIAMS JIRĊIEVU L-ORDNI TAD-DJAKUNAT



u lill-Presbiteri waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, jamministra s-sagrament tal-Magħmudija, jassisti għaż-żwieġ u jbierku, imexxi l-funerali u li jiddedika ħajtu għal kull qadi u servizz fi ħdan il-Knisja. Dan hu dak li Alla, permezz tal-Knisja tiegħu, qed isejjaħli għalih fiż-żmien li ġej.

3 Fl-Atti ta' l-Appostli nsibu li meta l-Appostli talbu lill-ewwel komunità nisranija sabiex tagħżel sebat irġiel li jkunu jistgħu jgħinuhom, l-Appostli jgħidu li dawn għandu jkollhom *"isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf"* (Atti6:3). Jalla jien, li rċevejt dan il-ministeru u dawk kollha li qed jitħejjew sabiex jirċevuh, inkunu mżejna bil-virtù ta' l-umiltà li biha jagħrfu jixxiebhu ma' Kristu li ħasel riġlejn il-maħbubin tiegħu fiċ-Ċenaklu (Ġw 13:14) kif ukoll ikunu nies mimlija bl-Ispirtu qaddis li jdawwalhom u jmexxihom fit-triq li fiha jsiru bħal Ġesù Kristu li *"ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra"* (Mt 20.28).

## Br Hayden

1. Diversi kienu dawk li staqsewni din id-domanda u r-risposta tiegħi dejjem kienet: mhux xi jfisser għalija... iżda xi tfisser għal Ġesù u għall-Knisja. Qed ngħid dan minħabba konvinzjoni profonda li għandi f'qalbi dwar il-vokazzjoni: hija ħaġa li tgħix inti iżda li mhix għalik! Meta fil-Kungress tas-Saċerdoti li kien hawn Malta kont qed nitkellem ma' Mons. Pawlu Darmanin, l-Isqof Kapuċċin ta' Garissa, il-Kenja, waqt li rajna dawn l-elf saċerdot, huwa dar lejja u staqsieni: "Imma Alla x'għandu bżonnhom dawn kollha? Ma setax jagħmel kollox hu?" Dan hu li jfisser għal Ġesù: huwa seta' għamel kollox mingħajrna iżda għażel li jagħmel kollox bina! Bħala Knisja, jagħtina sehem fil-ħidma tiegħu tas-salvazzjoni. Nimmaġina x'ferħ kienet l-Ordinazzjoni għal Ġesù li sab ħames żgħażagħ li qalulu iva!

Minn naħa l-oħra, l-Ordinazzjoni kienet mument ta' grazzja għall-Knisja. Kienet ħaġa sabiħa tara l-Knisja ta' l-Isla mimlija b'membri attivi tal-komunità nisranija f'Malta. Il-preżenza ta' żewġ Isqfijiet missjunarji Maltin - Mons Darmanin (Kenja) u Mons Adeodat Micallef, Tereżjan (Kuwait) - tatna wkoll sens universali u missjunarju. Għalkemm jien



ġejt ordnat f'Malta, il-vokazzjoni tiegħi hija miftuħa għall-Knisja kollha. Kif darba qalilna Mons. Francis Baldacchino, l-Isqof Kapuċċin ta' Malindi, "il-bżonnijiet tal-Knisja huma l-bżonnijiet ta' Kristu". Għalija l-Ordinazzjoni tatni l-post li Alla għażilli fil-qalb ta' Kristu fil-Knisja tiegħu: li nkun Ġesù li jaqdi. Kristu u l-Knisja ma nistax nifridhom minn xulxin. Jiena sirt ministru ta' Kristu u ministru tal-Knisja. Dan kien frott ta' mixja twila - madwar 10 snin - fejn kont qrib ta' Ġesù u Marija, tlabt, studjajt, qtajt qalbi, ħadt pariri, żbaljajt, ġejt ikkoreġut. Mixja li ma għamiltx waħdi, iżda ma' ħuti fil-fraternità, mad-direttur spiritwali u diversi ħbieb li l-Mulej laqqagħni magħhom.

2. F'Lulju li għadda, permezz tal-Provinċjal, il-Mulej sejjaħli biex naqdih fil-fraternita tal-Kalkara fejn qed ngħin lil Br Dennis Calleja fil-vokazzjonijiet u lil Fr Joe Giuliano mal-postulanti. Inkun sinċier, hija ħidma li qatt ma ħsibt li nkun fiha. Jien dejjem xtaqt li naħdem ma' nies li huma 'l bogħod minn Kristu u l-Knisja. Nemmen li Ġesù jridni nagħmel dan permezz ta' vokazzjonijiet ġodda. Ninsab ħafna kuntent f'dan il-qadi! Fl-istess ħin qiegħed assistent spiritwali ma' grupp ta' żgħażagħ li jiltaqgħu għandna, il-Kapuċċini l-Kalkara. Bħala djaknu għalhekk se nkun qed nagħti s-servizz tiegħi lil dil-merħla ċkejkna. Żgur li mhux ser jonqos is-servizz liturġiku fil-knisja tagħna li għalih il-Gwardjan tal-fraternità tiegħi - Fr Dominic Mangani - fetaħli l-bibien kollha.

Wieħed mill-ministeri tad-djakni huwa wkoll ix-xandir tal-kelma. Fix-xhur li ġejjin il-Mulej tani l-grazzja li nista' nagħmel dan anki permezz ta' *Radju Marija* fejn kull nhar ta' Sibt bejn id-9 u l-10 ta' filgħaxija nieħu sehem fi programm imtella' mis-sinjura Mona Borg. Nemmen ħafna li l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali huma l-pulptu ta' llum. Iżda aktar minn dal-qadi kollu, l-akbar qadi li nagħraf li l-Mulej isejjaħli għalih hija l-ħajja qaddisa. Il-Kungress tas-Saċerdoti, li beda proprju l-għada ta' l-Ordinazzjoni, kien mument ta' grazzja. Kompla nissel fija l-konvinzjoni li jeħtieġ li nkunu qaddisin sabiex insiru furmaturi ta' qaddisin ġodda! Dan kien il-messaġġ tal-Papa għalina fil-Kungress. U dan nixtieq nagħmlu wkoll il-programm tal-ministeru saċerdotali tiegħi 'l quddiem hekk kif, jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla niġi ordnat Presbiteru. Għalija li tkun qaddis ma jfisser xejn aktar ħlief li nħalli lil Ġesù jgħix fija (Gal 2:20). U dan insib li nista' ngħixu f'għaqda ma' Ġesù Ewkaristija u ma' Ommna Marija, aktar u aktar dis-sena li ġejna ordnati proprju fil-ftuħ tas-Sena Ewkaristika waqt li qed niċċelebraw il-150 sena mid-domma ta' l-Immakulata, patruna ta' l-Ordni Franġiskan.

3. Il-messaġġ tiegħi huwa frażi li darba smajt f'konferenza: *"fall madly in love with Jesus"*. Ma' dan inżid: "u mall-Knisja u ma' dawk li qed ibatu". Żgur, li rrid inħejji ruħi bit-talb, b'direzzjoni u bi studju. Mill-bqija, Ġesù u Marija jmexxu huma!•

*Br André Azzopardi OFMCap*



# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

## L-GĦOXRIN PARTI



**Fl-Għoxrin parti minn sensiela ta' artikli dwar statwi u kwadri ta' Missierna San Franġisk t'Assisi fi knejjes Maltin se mmorru fil-lokal ta' tas-Sliema. Hemmhekk se nżuru l-parroċċi tal-Madonna tas-Sacro Cour u dik iddedikata lil San Girgor il-Kbir.**

Kien fl-1872 meta saċerdot mill-Belt Valletta, Dun Pawl Vella, beda jħabrek sabiex jibni knisja fix-xaqliba ta' tas-Sliema li kienet xi ftit imbiegħda mill knisja parrokkjali ta' Stella Maris. Il-ħsieb tiegħu kien li jiddedikaha lil Ommna Marija Sultana tal-Qalb ta' Ġesù. Il-bini tal-knisja tlesta fl-1891 u Dun Pawl ta l-knisja lill-Patrijiet Franġiskani Minuri. Hi saret parroċċa fl-1918.

F'din il-knisja parrokkjali nsibu kwadru u żewġ statwi ta' San Franġisk t'Assisi.

Kien fl-1919 meta bl-inizjattiva ta' Patri Alfons M. Attard OFM u t-Terz'Ordni Franġiskan, li twaqqaf fl-1902 f'din il-Parroċċa, saret statwa ta' San Franġisk mill-artist Qormi, Carmelo Mallia. Tajjeb illi ngħidu li l-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri kien xtaq li jsiru festi speċjali matul dik is-sena sabiex jitfakkar is-700 sena minn meta l-qaddis t'Assisi kien żar l-Art Imqaddsa. Għalhekk kienet din ir-raġuni għaliex setgħet saret l-istatwa tal-qaddis f'dik is-sena.

Fil-fatt, fid-19 t'Awissu ta' dik is-sena, kienet saret talba lill-Kurja biex jingħata permess ħalli tibda ssir purċissjoni bl-istatwa. Din it-talba ma kinitx intlaqgħet mill-Arċisqof ta' dak iż-żmien. L-istatwa kienet turi lill-qaddis fil-glorja tas-sema u mdawwar minn żewġ anġli kbar li kienu jinqalgħu u anġlu ieħor ċkejken ħdejn riġel il-qaddis bil-ġilju abjad f'idu. Din l-istatwa, li kienet merfugħa fil-kunvent mal-ħajt ta' Strada Carmine minflok il-bieb li hemm illum, inqerdet flimkien ma' oġġeti prezzjużi oħra meta waqa' l-kunvent tal-patrijiet fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Wara l-gwerra, bdiet tintrama statwa oħra li llum tinżamm fil-kunvent. L-istatwa hi attribwita lill-iskultur Senglean Karlu Darmanin, għalkemm dan mhux magħruf b'ċertezza. Darmanin jippreżentalna lill-Fqajjar t'Assisi jħares lejn il-Kurċifiss li għandu f'idejh, filwaqt li f'idejh u f'ġenbu għandu l-pjagi. Fuq il-bażi ta' l-istatwa hemm anġlu li qed iżomm ktieb bil-kliem ta' l-ewwel kapitlu mir-Regola Franġiskana miktuba fuqu.

Fl-1949, l-Gwardjan Patri Dumink Coppola OFM reġa' talab il-permess biex tkun tista' ssir purċissjoni. Din id-darba dan ingħata tant li fis-16 t'Ottubru ta' dik is-sena nħarġet il-purċissjoni bis-sehem tal-Banda Ċittadina Sliema. Fl-1985 din



l-istatwa tpoġġiet f'niċċa ħdejn il-bieb tal-ġenb fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes u damet hemm erba' snin.

Fl-1981, nhar il-festa filgħodu, li tigi ċċelebrata fl-ewwel jew it-tieni Ħadd t'Ottubru, beda jsir it-tberik ta' l-annimali fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Mill-1989, il-purċissjoni bdiet issir filgħodu.

Kien f'din is-sena li bil-ħidma tal-Gwardjan Patri Joe Caruana OFM, l-artist Għawdxi Michael Camilleri Cauchi ħadem statwa ġdida ta' San Franġisk. L-istatwa turina lil San Franġisk iħaddan ħarufa b'idejh mifruxa. Oriġinarjament fuq id minnhom kien hemm isserraħ ħamiema bajda, iżda llum din tinsab fuq iz-zokk li hemm fejn saqajn il-qaddis. Din l-istatwa qamet is-somma ta' £500 u tħallset minn benefattur li ma xtaqx li jkun magħruf. Il vara waslet Malta nhar l-20 t'Ottubru 1989 u tbierket mir-Rev. Patri Gwardjan. Inħarġet għall-ewwel darba purċissjonalment fid-29 ta' l-istess xahar. Illum il-purċissjoni għadha ssir filgħodu, iżda qed issir taħt forma ta' manifestazzjoni franġiskana.




Mal-ġnub tal-kor hemm żewġ niċeċ li fihom statwi maħdumin fil-ġebel. Dawn jirrappreżentaw lil San Franġisk t'Assisi u lil San Duminku ta' Gusman, tnejn mill-fundaturi ta' Ordnijiet mendikani li biddlu l-wiċċ ta' l-Ewropa mis-seklu tlettax 'il quddiem. L-istatwa tal-qaddis t'Assisi turihulna bil-ktieb ta' l-Iskrittura Mqaddsa f'id waħda u fl-oħra bis-Salib. Mhux magħruf meta saru u min hu l-awtur tagħhom.

Nhar it-30 ta' Settembru 1985 nġieb kwadru tal-qaddis li qabel kien fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt Valletta. Dan hu xogħol tal-pittur Senglean Francesco Zahra (1680-1765) u tpitter bejn l-1750-1759. Il-kwadru juri lill-qaddis għarkubbtejh f'għar jimmedita lil Kristu msallab. Il-kwadru kien fuq altar fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt Valletta sas-sena 1859. Meta dan tneħħa minn din il-knisja, it-Terzjarji Franġiskani li kienu jiltaqgħu hemm tawh bħala rigal lil Dun Pawl Vella sabiex jitpoġġa f'din il-knisja f'tas-Sliema. Kien it-tieni kwadru li tqiegħed f'din il-knisja. Il-pittur Ġużeppi Calì għamel xi xogħol ta' rtukkar fih. Għall-ewwel, din il-biċċa xogħol artistika tqiegħdet fl-ewwel kappella miż-żgħar in-naħa tal-lemin. Illum hemm il-kappella tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-1882 l-kwadru tqiegħed fil-kappellun li llum huwa ddedikat lill-Patrijrka San Ġużepp. Kien fl-1950 li l-kwadru tqiegħed fil-kappella li llum hi ddedikata lill-istess qaddis. Fl-1985 il-kwadru ġie restawrat minn Toni Pace mill-Belt Valletta.





It-tagħrif dwar dawn ix-xogħlijiet artistiċi ta' dan il-qaddis f'din il-parroċċa Slimiża għaddihuli s-Sur Winston L. Zammit. Tagħrif ieħor ħadtu mill-ktieb ta' Patri Ġużepp Vella OFM bl-isem ta' *"Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cour tas-Sliema. Tagħrif Storiku"* ppubblikat fl-1993.

Parroċċa oħra li nsibu f' tas-Sliema hija dik iddedikata lil San Girgor il-Kbir. Kienet xewqa ta' l-Arċisqof Mons. Mawru Caruana O.S.B., li f'tas-Sliema tinbena knisja ddedikata lil dan il-Papa tas-sitt seklu w.K. Il-knisja, fuq stil Romanesk, inbniet fuq l-art magħrufa bħala "tal-Kortin" fejn il-popolazzjoni f'dawk l-inħawi bdiet tikber sew. L-ewwel ġebla tqiegħdet mill-Arċisqof innifsu, fl-20 t'Awissu 1923 u tlestiet fl-1940. Kien fl-20 ta' Novembu ta' dik is-sena li l-knisja saret parroċċa.

Fost ix-xogħlijiet ta' pittur Taljan bl-isem ta' Eleodoro Coccoli (1880-1974) minn Brescia, li nsibu f'din il-knisja parrokkjali, naraw trittiku ferm sabiħ. Fih jidhru Sant'Antnin ta' Padova, San Ġużepp u San Franġisk t' Assisi.●

P. William Axiaq OFMCap



# Inkompli nisma' r-radju?

**"Patri, dan l-aħħar qed ikolli ħafna xi ngħid mar-raġel tiegħi. Dan qed jiġri l-aktar qabel ma norqdu. Jiena mara li nħobb nisma' r-radju, iżjed u iżjed meta fuqu jkun għaddej xi programm reliġjuż. Malli nidħol fis-sodda, nieħu qagħda ta' bilqiegħda bir-radju fuq ħoġri u ħallini nisma' diskussjonijiet fuq suġġetti morali u qsim ta' esperjenzi spiritwali. Biex nikkonċentra fuq dak li nkun qed nisma', inħalli r-raġel għal riħu, anzi meta jipprova jgħidli xi ħaġa ma nagħtix kasu. L-imġiba tiegħi qiegħda tirrabjah u tinfiskah. Jgħidli li bil-komportament tiegħi qed inġagħlu jobgħod ir-reliġjon. Barra minn hekk, ġieli akkużani li qed impartat ir-radju miegħu. Min minna t-tnejn għandu raġun hu jew jien, għax inħoss li jien minn fuq u mhux hu?"**

Fil-ħajja, iżjed u iżjed f'dik ta' bejn tnejn fiż-żwieġ, il-mara u r-raġel ma jistgħux jimxu b'dak li jħossu. Il-miżżewġin iridu jibbażaw ħajjithom fuq il-valuri tal-ħajja matrimonjali u fuq id-dmirijiet tagħhom lejn xulxin, jekk iridu jirnexxu tabilħaqq fis-sejħa kbira tagħhom u b'hekk jagħtu glorja u ġieħ 'l Alla.

Fil-każ tiegħek, dak li għadni kemm għedt ifisser li r-raġel tiegħek għandu raġun biex ibigħ u inti għandek tort li jikkonstrinġik biex tbiddel l-imġiba tiegħek miegħu. Għalkemm inti wara ġurnata xogħol għandek dritt għall-passatemp tiegħek, min-naħa l-oħra r-raġel tiegħek għandu jedd għall-kumpanija tiegħek u għall-komunikazzjoni tiegħek miegħu, ġaladarba inti martu. Ir-raġel wara jum ħidma għandu kull dritt jidħol f'relazzjoni miegħek u inti għandek tkun kapaċi tissagrifika programmi radjofoniċi, anki reliġjużi, biex tkompli miegħu, ħalli dejjem tressqu lejk u mhux tgerrxu minnek. Id-dritt tar-raġel fuqek jirbaħ fuq id-delizzju tiegħek.

Ir-raġel tiegħek ma tistax tlumu jekk jarak tippreferixxi programm reliġjuż minnu, iżjed u iżjed qabel ma torqdu. Jekk il-mod kif qed iġġib ruħek lir-raġel tiegħek qed idejqu u jinnervjah dan huwa sinjal li jħobbok. Huwa għelm li juri li huwa ta' l-affari tiegħu, għax jaf tajjeb li l-imġiba tiegħek miegħu m'hix korretta.

X'inhu l-aħjar għalik qabel torqod li tidħol f'relazzjoni impersonali ma' programm reliġjuż fuq ir-radju jew li tidħol f'relazzjoni personali ma' żewġek? Jekk inti mara għaqlija, kif għandi nifhem li int, żgur tgħidli li l-aħjar relazzjoni hija t-tieni u mhux l-ewwel waħda.

Fuq ir-radjijiet hawn ħafna programmi reliġjużi matul il-ġurnata. Jiena konvint li inti min jaf kemm tisma' minnhom. Ikkuntenta bihom biss sakemm tkun mifruda mir-raġel peress li jkun fuq ix-xogħol. Filgħaxija ħallik mir-radju, anki minn dak l-iżjed reliġjuż, u agħti ħafna kas ta' żewġek, inkella titilfu, għax tindannah bil-konvinzjonijiet żbaljati tiegħek.

Jekk tagħmel kif spjegajtlek, Alla jkun jafhulek!

P. Philip Cutajar OFMCap

# IL-ĦIDMA PASOTRALI TAS-SAĦĦA FIL-KNISJA KUBANA

## IT-TIENI PARTI

### 1. ĦOLQIEN TA' STRUTTURI

Madwar 17-il sena ilu l-Knisja f'Kuba ħolqot dawk l-istrutturi meħtieġa sabiex il-pastorali mal-morda, anzjani u moribondi tiġi organizzata b'mod aktar organiku u sistematiku. Kien fis-sena 1987 meta fuq l-inizjattiva ta' l-Isqfijiet Kubani ġiet maħluqa l-**Kummissjoni Nazzjonali tal-Pastorali Assistenzjali tas-Saħħa** *(Comision Nacional de la P.A.S. Pastoral Asistencial de la Saludh)*. Ma' din il-Kummissjoni Nazzjonali f'kull Djoċesi (f'Kuba fil-preżent hawn 11-il Djoċesi) hemm Kummissjoni Djoċesana tal-Pastorali Assistenzjali tas-Saħħa (P.A.S.). Dawn il-kummissjonijiet djoċesani jieħdu ħsieb li jiffurmaw gruppi f'kull parroċċa bil-għan li jwettqu din il-ħidma pastorali mal-morda fil-parroċċi rispettivi tagħhom. B'hekk f'kull parroċċa ta' kull djoċesi jeżisti *"un equipo"* - grupp ta' P.A.S., bir-responsabbiltà li jżur il-morda u jieħu ħsieb jagħti kull għajnuna spiritwali, pastorali u anki materjali li dawn ikollhom bżonn.

Dawn il-gruppi parrokkjali huma ifformati minn lajċi li b'impenn jiltaqgħu darba fix-xahar għal-laqgħat tagħhom sabiex jorganizzaw, jippjanifikaw u anki jevalwaw il-pastorali tagħhom mal-morda. Fil-laqgħat tagħhom dawn il-gruppi li huma msejħa ***"Equipos de visitadores de enfermos"*** - Gruppi ta' viżitaturi tal-morda - iqassmu l-ħin f'mumenti ta' talb u riflessjoni fuq il-Kelma t'Alla, kull membru jirrapporta l-esperjenzi kemm pożittivi kif ukoll negattivi li jkun għadda minnhom matul iż-żjarat li jkun wettaq mal-morda, isir talb ta' interċessjoni għall-morda tal-parroċċa, filwaqt li jippjanifikaw il-ħidmiet futuri tagħhom. Huma gruppi strutturati tajjeb bil-preżenza ta' president/animatur, segretarju (li minbarra li jżomm il-ktieb tal-minuti, iżomm bil-miktub il-ħtiġijiet spiritwali u materjali ta' kull marid fil-parroċċa) u animatur tat-talb. Tista' tgħid li kull parroċċa u *"mission-station"* għandha grupp ta' viżitaturi tal-morda. Il-pastorali mal-morda hija waħda mill-ħidmiet ewlenin tal-Knisja f'Kuba mhux biss għax kif diġà għedna huwa wieħed mill-ftit bibien miftuħa li għandha, imma wkoll minħabba l-ħtiġijiet partikulari tal-pajjiż speċjalment fejn tidħol is-saħħa, fejn il-Knisja tista' twettaq il-ħidma tagħha fuq livell mhux biss pastorali u spiritwali, imma wkoll soċjali, karitattiv u ta' promozzjoni umana.•







Laurence Attard



# ir-rock band PETRA

## MESSAĠĠ NISRANI PERMEZZ TAL-MUŻIKA ROCK



Il-grupp **Petra** jfisser rock pur mimli passjoni minsuġ ma' messaġġ dejjiemi li jrid jitwassal – l-aħbar it-tajba ta' Ġesù Kristu. Għal min iħobb il-mużika rock imħallta ma' *lyrics* tajbin u *challenging*, il-mużika ta' **Petra** żgur tinżillu għasel.

Bob Hartman, il-fundatur tal-band, jgħid li l-aktar ħaġa importanti għalihom hi li jkunu dejjem konxji tas-sejħa tagħhom, li jagħrfu fejn huma l-għeruq tagħhom – f'Ġesù Kristu. Ir-realtà ta' din il-*band* hija rigal minn Alla lil eluf ta' nies. Bdiet fis-snin 70 u għadha qawwija sal-lum, dejjem b'xi album ġdid. L-aħħar album li ħarġet jismu *Jekyll and Hyde*, u dan ifisser l-20 *studio recording* tal-band. Żgur se jibqa' msemmi għall-aggressivita' ta' rock li fih – fil-fatt huwa uniku f'dan is-sens. Kitarri puri, drums, insomma, rock ta' veru. Hawnhekk joħroġ il-karattru veru ta' **Petra**. Uħud mis-songs ta' dan l-album huma: *Till Everything I do, All About who you know, Test of Time u Would'a, Should'a, Could'a.*

John Schlitt, membru ieħor tal-band, jistqarr li waqt il-kunċerti tagħhom huma jkunu qed jirrappreżentaw lil Ġesù. Permezz tad-divertiment huma jmexxu n-nies lejn l-adorazzjoni – hemmhekk Alla jkun jista' jibda jaħdem fihom. Esperjenza bħal din tista' tibdillek ħajtek – għax meta tiltaqa' ma' Ġesù żgur ma tibqax l-istess.

Il-karriera tal-grupp mhijietx iffokata fuq is-suċċess imma fuq il-ministeru, li sservi lin-nies u taqdi lill-Mulej permezz tat-talenti li huwa tak. Petra minn dejjem kienet ixxandar l-Evanġelju l-aktar lil udjenza żagħżugħa. Għalhekk huwa parti mix-xogħol tagħha li żżomm il-mużika tagħha dejjem friska, żagħżugħa. Alla spiss jinqeda bil-band biex ikellem lill-qlub ta' ħafna żagħżagħ.

Dawn huma wħud mill-albums li ħarġet il-band Petra tul is-snin: *Come and Join Us, Washes Whiter Than, Never Say Die, More Power to Ya, Not of this World, Beat the System, On Fire !, The Rock Cries Out, Beyond Belief, Unseen Power, No Doubt, God Fixation u Revival.*

Nispiċċa billi nagħti ħarsa lejn 2 albums tal-band: *Beyond Belief* u *No Doubt*. Fl-album *Beyond Belief*, songs bħal *I am on the Rock* u *Creed* jitkellmu fuq il-Blata li hu Kristu, u fuq il-fidi tagħna fih. *Armed and Dangerous* u *Underground* ifakkruna fil-ġlieda li qed niġġieldu ma' l-għedewwa prinċipali tagħna: ġisimna, ix-xitan u d-dinja. Irridu nibqgħu nitqabdu sa l-aħħar, għalhekk ejjew nilbsu l-armatura ta' Alla. Fuq ton aktar soft insibu *Prayer*, li hija talba ħierġa mill-qalb biex Alla jipproteġi l-familjari u l-ħbieb tal-band. *What's in a Name* tipproklama l-isem ta' Ġesù bħala dak l-isem li jkeċċi x-xjaten u li permezz tiegħu aħna nistgħu nsalvaw.

Fl-album *No Doubt* imbagħad insibu *Heart of a Hero*, li titkellem dwar l-eroj tal-fidi, bħal David li tqabad mal-ġgant Gulija. *No Doubt* u *For All You're Worth* imbagħad jagħtu messaġġ ta' kuraġġ meta kollox jidher dlam u dwejjaq. F'mumenti bħal dawn m'għandniex naqtgħu qalbna, għax Alla kapaċi joħroġ il-ġid u jmexxina lejn id-dawl: *So together we hold our hearts out to You, And we all can believe You know just what to do. Heal and forgive us, make us all just like new. Jesus, we hold our hearts out to You.* (Għalhekk flimkien nerfgħu qlubna lejk. Aħna nemmnu li int taf x'inti tagħmel. Fejjaqna u aħfrilna, ġeddidna. Ġesù aħna nerfgħu qlubna lejk.)•

# KARIŻMA FRANĠISKAN

## L-GĦEJXIEN TA' L-EVANĠELJU 2

### MIDĦLA TAL-EVANĠELJU

San Franġisk tant kien jafu sew l-Evanġelju, li għalkemm fir-Regola Bullata tas-sena 1223 uża ħmistax-il silta biblika, f'dik ta' qabilha jew Regola mhux Bullata tas-sena 1221 għamel użu minn mija u tnax-il silta. Dan juri biċ-ċar kemm ir-Regola Franġiskana tislet is-sustanza tagħha mill-ħamrija evanġelika. L-użu abbundanti ta' siltiet evanġeliċi, Franġisku m'għamlux bl-addoċċ, imma wara li kellu dehra. "Darba dan deherlu waqt li hu kien qed jiġbor frak tal-ħobż mill-art biex bihom itaffi l-ġuħ ta' l-Aħwa. Imbeżża' li l-frak tal-ħobż ma kienx se jservih biex jitma lil kulħadd, sema' min jgħidlu: "Għaġen dak il-frak f'ostja waħda u qassamhielhom bejniethom" Ħosbien u bla ma fehem x'setgħet tfisser dik id-dehra, wara ħafna talb ħerqan sema' min jgħidlu: "Il-frak tal-ħobż hu l-kliem ta' l-Evanġelju u l-ostja li sawwart bihom hi r-Regola" (Leg. Mag. IV:11). Naħseb illi għandha ċertu piż ix-xiehda li taw żewġ persunaġġi li ltaqgħu każwalment ma' l-ewwel Patrijiet Minuri. Oddone minn Cheriton jirrakkonta li biex jinkuraġġixxi lil uliedu, Franġisku fl-1209 wasal biex qal: "Jiena jien dik il-mara li l-Mulej taqqal bil-kelma tiegħu u nissilt lil dawn l-ulied spiritwali" (Fonti Francescane 2247). Bniedem ieħor, Ruggero minn Wendover fil-kronaka tas-sena 1207 niżżel: "Dan l-aħħar jiem dehru xi predikaturi bl-isem ta' Minuri li jgħammru fl-ibliet jew fil-kampanja fi gruppi ta' għaxra jew sebgħa u bla xejn tagħhom, u jgħixu l-Evanġelju" (Fonti Francescane 2279). Personalment u fl-appostolat ta' wliedu tal-bidu, u anki ta' llum, Franġisku jimmeritah it-titlu ta' 'Evanġelista Ġdid', kif sejjaħlu Tumas minn Celano (I Cel 89).

### PREDIKATURI EVANĠELIĊI

L-Evanġelju qiegħed hemm mhux biex bih insawtu l-għedewwa tal-Knisja jew biex nikkontestaw l-awtorità tal-ġerarkija tagħha, jew biex nikkritikaw il-maġisteru tagħha; lanqas biex nużawh meta u kif jaqblilna. Le, imma biex naqrawh u nistudjawh, nixtarruh fis-skiet sa ma nassimilawh u jsir il-qafas tal-predikazzjoni tagħna kif għamlu qaddisin kbar bħal Sant'Antnin u San Bernardin.

### SANT'ANTNIN TA' PADOVA



Wara li minn Kanoniku Regolari ta' Santu Wistin issieħeb mal-Franġiskani, wara li l-għerf u qdusitu nżammu moħbija għal xi żmien bħal qamħa midfuna fil-ħamrija, f'daqqa waħda ħareġ sparat bħal balla ta' kanun mimli sax-xfar bl-Evanġelju Mqaddes ħalli jwasslu lill-folol ta' nies sempliċi, fanatiċi jew eretiċi li ġieli ħejjewlu wkoll nasbiet mortali. Għal kull kategorija ta' semmiegħa kellu kelma Evanġelika flokha, persważiva u inċiżiva, kemm jekk kienu suppervi jew inkella nies li jippretendu li jitilgħu t-Tabor mingħajr ma jduqu qabel l-esperjenza tal-Kalvarju; jew inkella jekk kienu reliġjużi, li ma kienx baqgħalhom ħlief il-qoxra tal-ħajja reliġjuża, jew prelati medhija biss bid-drittijiet jew ambizzjonijiet materjali. Għalih qdusija li tfewwaħ tinstab l-iżjed fost il-lajċi li jitqaddsu u jwarrdu fl-art iebsa tad-dinja u mhux dawk (reliġjużi) miżrugħa fil-ħamrija ratba tal-ġonna klawstrali fejn il-fjoritura hi aktar faċli. Dan il-ħsieb ipoġġi lil Sant'Antnin fuq linja dritta mat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Mhux ta' b'xejn li wara mewtu ġie mogħti t-titlu ta' 'Duttur Evanġeliku'.

### SAN BERNARDINU MINN SIENA

Dan il-qaddis (1380–1444), Franġiskan ieħor, m'għamilx għajb lil ta' qablu. Dan wara li qatta' xi żmien idur bl-impestati b'sogru ta' ħajtu, sar Franġiskan, xerred id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Ġesù anki b'mod artistiku - viżiv (I.H.S) u ntefa' b'ruħu u b'ġismu għall-predikazzjoni evanġelika bl-istess tenerezza u ħlewwa ta' Missieru San Franġisk. Kien jimla l-pjazez b'semmiegħa li kienu jissaportu jisimgħuh għal sigħat sħaħ, erbgħa jew anki ħamsa. Għalih il-priedki kienu jiġu qabel is-sagramenti, basta jkun fihom teoloġija biblika u spjegati sew lil min mhux ta' ċerta skola.

### GĦELUQ

Kemm tagħmel sew il-Knisja li fil-bidu ta' xi ċelebrazzjoni jew ta' xi quddiesa solenni ġġiegħel lid-djaknu jġorr il-ktieb ta' l-Evanġelju merfugħ 'l fuq minn wiċċu, u qabel jaqra jinċesah tliet darbiet u fi tmiem il-qari jbus il-ktieb. U kemm għaqlija u attwali hi r-Regola ta' l-O.F.S. fejn f'Kapitlu II, taħt it-titlu 'Għamla ta' Ħajja' tħeġġeġ lill-membri b'dan il-kliem; "Il-Franġiskani Sekulari għandhom jagħmlu ħilithom u jaqraw ta' sikwit l-Evanġelju biex hekk jgħaddu mill-Evanġelju għall-ħajja u mill-ħajja għall-Evanġelju".•

Kav. Joe M. Attard

# Il-Ġrajja tal-Milied



Intom tafu, ja ħbieb tiegħi,
sew tal-bogħod u kemm tal-qrib,
illi fostna reġa' magħna
il-Milied ta' l-aqwa Sid.

Iva, ħbieb, il-ħolqien kollu
qiegħed jifraħ bit-twelid
ta' Ġesù ċkejken tarbija –
għajn ta' mħabba, għana, ġid.

Biex jifdina u jsalvana
il-Bambin twieled fil-faqar
ġo benniena, fuq ftit tiben,
xejn ma kellu biex jinsatar.

Il-lejl kien kiesaħ u xitwi,
ma kont tilmaħ l-ebda ruħ –
ċappa dlam taqtgħu b'sikkina
il-ħolqien, sieket, mitruħ.

Ħin bla waqt, qtajja' ta' l-anġli
dawlet, xegħlet lis-smewwiet;
f'tebqa t'għajn il-ħajja stejqret,
l-arja bl-għana dlonk imtliet.

Aħbar tajba lill-qlub kebbset:
"F' Betlem twieled il-Bambin.
Ejjew lilu nagħtu qima,
għaġġlu fis, titilfux ħin!

Ġewwa stalla lilu nsibu:
araw ftit l-għaġeb li sar –
tifel ċkejken fil-bard rieżaħ,
lilu jsaħħnu baqra w ħmar".

Għarkubbtejhom hemm ir-rgħajja
sabiex lilu jadurawh.
Tfaċċaw dlonk is-Slaten Maġi –
deheb, inċens u mirra tawh.

Bambin ċkejken, aħna wliedek
f'dan il-jum x'sejrin nagħtuk!
Qalbna mfawra kollha mħabba,
tiegħek nibqgħu, inwegħduk.

Ejja twieled ġewwa djarna,
itfa' l-ankri, toħroġ qatt;
irriduk li tgħammar f'qalbna,
ma jifridna minnek ħadd!

Keċċi l-gwerer, nessi l-firda
li qegħdin ifarrku 'l-ġnus;
Milied, 'tina, t'hena w paċi,
O Bambin ħelu w gustuż!

P. Donat Spiteri OFMCap



# Il-Qdusija ta' Marija

L-ewwel u l-aqwa prerogattiva tal-qaddejja t'Alla hi l-qdusija. Għalhekk lil dawk li jsejjaħ biex ikunu tiegħu, il-Mulej jgħidilhom: "Kunu qaddisin, għax qaddis jien" (1Pt 1:16; ara Lev 11:44; 19:2). Qaddis hu Alla waħdu. "Qaddis, qaddis, qaddis hu l-Mulej ta' l-eżerċti (Is 6:3). U qaddis hu Ibnu Ġesù Kristu (Lq 1:35; Apok 3:7). Mela qaddisa kellha tkun dik li Alla l-Missier għażel biex tkun Omm Ibnu l-qaddis.

Fil-kunċett tal-qdusija, li hi attribut essenzjali t'Alla, jidħlu diversi aspetti sbieħ li kollha flimkien jagħtuna d-dehra sabiħa ta' din il-prerogattiva. Il-bnedmin ikunu qaddisin jekk ikunu mogħtijin għal Alla biss li hu waħdu qaddis, jekk ikunu kkonsagrati lilu u ddedikati għalih biss. Dan l-aspett tal-qdusija kien f'Marija fl-ogħla grad kif stqarret b'fommha hi stess meta ddikjarat u qalet: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq 1:38).

Meta Alla għażilha biex tkun l-Omm ta' Ibnu l-għażiż, Ibnu l-qaddis, ma setax ikun li ma żejjinhiex bl-ogħla grad ta' qdusija li qatt seta' jagħti lill-bniedem ħolqien tiegħu. Għażilha biex tissieħeb miegħu fil-misteru ta' l-inkarnazzjoni ta' Ibnu. Hekk kien xieraq u hekk kellu jkun li jagħniha bil-qdusija li kienet tixraq lil dan il-misteru kbir.

Ma għandna mkien irrivelat bi kliem ċar fil-Kotba Mqaddsa li Alla żejjen bil-qdusija lil Marija. Imma dan noħorġuh bir-riflessjoni tagħna fuq il-misteru tagħha. Mill-fatt tas-sejħa tagħha min-naħa t'Alla biex tkun l-Omm ta' Ibnu l-qaddis għandna naslu biex nagħrfu b'mod indirett u impliċitu li Alla għamilha wkoll qaddisa għal kollox – tota pulchra (kollha kemm hi sabiħa). *Panagia*, sejħulha l-Griegi (kollha qaddisa).

## Mimlija bil-Grazzja

Nistgħu forsi naslu biex nagħrfu rivelazzjoni tal-qdusija ta' Marija fil-kliem li bih l-anġlu Gabrijel f'isem il-Mulej Alla sellmilha: "Mimlija bil-grazzja". Fil-verżjoni Latina tal-Vulgata għandna *gratia plena* (Lq 1:28).

Xi wħud mill-għorrief Latini fehmu l-kelma "grazzja" fis-sens teoloġiku tagħna: dak id-don li bih Alla jqaddisna u jagħmilna ħbiebu u wliedu. Dan nifhmu meta ngħidu 'tkun fil-grazzja t'Alla'. Fil-Bibbja l-kelma grazzja tfisser aktar minn hekk. Din tittraduċi l-kelma Griega tat-Testment il-Ġdid *charis* li min-naħa tagħha tittraduċi l-kelma Lhudija *henn* (bil-Malti, 'ħniena'). L-ewwel sens ta' din il-kelma fil-Lhudi hu dik >



ix-xi ħaġa sabiħa fil-bniedem li biha jingħoġob u jiġbed fuqu l-attenzjoni ta' l-oħrajn (ara Prov 22:11; 31:30). Hekk aħna wkoll fl-espressjoni tagħna ngħidu: 'tieħu grazzja' jew 'ikollok grazzja ma' xi ħadd'. Hekk ukoll nifhmu l-kliem ta' l-anġlu lil Marija: "Inti sibt grazzja quddiem Alla" (Lq 1:30).

## Maħbuba minn Alla

Żgur li l-grazzja li Alla ta lil Marija tixirqilha u toqgħod għaliha ħafna f'dan is-sens. Alla, biex ngħidu hekk, ħa grazzja magħha għax raha "mimlija bil-grazzja". U kien hu stess li mlieha bil-grazzja. Issa din mhijiex traduzzjoni tajba ta' espressjoni Griega tat-test oriġinali. F'dan it-test ta' San Luqa għandna l-kelma *kecharistomene,* li tfisser 'maħbuba', 'favorita', 'ippreferuta' (il-verżjonijiet Ingliżi: *favoured one* jew *highly favoured one*).

Jiġifieri, l-anġlu Gabrijel meta ħabbar lil Marija ma sejħilhiex b'isimha, iżda b'dan it-titlu sabiħ ta' 'maħbuba minn Alla' jew l-iffavorita tiegħu. Fis-sens għoli ta' dan it-titlu qalilha aktar milli kieku sejħilha b'isimha u aktar mill-espressjoni 'mimlija bil-grazzja'. Din l-espressjoni San Luqa kitibha wkoll għal Stiefnu: *pleres chariots,* 'kollu grazzja' (Atti 6:8); mimli bil-grazzja u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. F'dan il-kuntest tfisser id-doni tal-kelma u tal-mirakli li bihom Stiefnu kien jagħti xiehda għal Ġesù Kristu.

Fil-każ ta' Marija San Luqa pprefirixxa l-kelma *kecharitome* (maħbuba jew iffavorita) mill-espressjoni 'mimlija bil-grazzja', forsi għax deherlu li l-ewwel kelma tfisser aħjar l-istat tal-ħbiberija tagħha ma' Alla u l-imħabba speċjali tiegħu lejha. Aħna wkoll fid-dawl ta' dan it-titlu mogħti lil Marija naraw l-istat tal-qdusija kbira tagħha. Dan nagħrfuh mhux tant fil-kelma fiha nfisha, li ma tgħidilniex b'mod ċar li Marija hi qaddisa, iżda bir-riflessjoni ġusta tagħna għax nifhmu li Marija hi maħbuba u ffavorita minn Alla, għax hi qaddisa.

## Fid-dawl tad-Tradizzjoni

Fil-każ ta' l-espressjoni l-oħra 'mimlija bil-grazzja' jew bil-Latin, *gratia plena* – kif aħna mdorrijin biha għandna d-dawl tat-tradizzjoni kostanti tal-Knisja Latina, li mxiet dejjem sa mis-seklu IV fuq it-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Latin imsejħa l-Vulgata. Mit-tislima ta' l-anġlu lil Marija – *Ave, gratia plena* – l-għorrief tagħna waslu għall-konklużjoni li Marija rċiviet mingħand Alla d-don tal-qdusija bla qjies u fl-ogħla grad li qatt setgħet tirċievi bħala kreatura (ara, per eżempju, Sant'Ambroġ, *Expositio Evangelii secundum Lucam* II 9, CSEL 14).

Din l-interpretazzjoni sabet postha fit-tagħlim tal-Papa Piju IX, fil-Kostituzzjoni *Ineffabilis* Deus tat-8 ta' Diċembru 1854.

Il-Verġni l-aktar glorjuża "imqiegħda fl-eqreb stat lejn Alla, kemm hu possibbli għall-kreatura, kisbet l-ogħla grad ta' tifħir tal-bnedmin u ta' l-anġli."

Ftit kien jonqos ma' dan il-kliem tal-Papa Piju IX biex iżid l-affermazzjoni li Marija ġiet imnissla mingħajr tebgħa tad-dnub. Hekk għamel tassew bid-definizzjoni tad-domma tat-Tnissil tagħha bla tebgħa tad-dnub tan-nisel.•

# Straġi fin-nursery ta' Mororo

## Jikteb Br John Cassar OFMCap missjunarju f'Garissa, il-Kenja

Dal-lejl (fil-bidu t'Ottubru) sgassaw in-nursery ta' Mororo u ħadu l-ftit ikel li kien hemm. Dan ma kienx biżżejjed, imma qabdu l-kotba li sabu u ħarquhom flimkien mal-mejda ta' għalliem u siġġu. Anzi ma ħarqux l-imwejjed tat-tfal ukoll! Kont għadni kif xtrajt b'kemm jiswew 6,000 xelin kotba. Dalgħodu għamilt nofs ta' nhar nikkumiedja għand il-pulizija. M'hemmx x'tagħmel!

Mill-bqija ż-żjara tan-Nunzju marret tajjeb ukoll. Kienet battikata mhix żgħira, ivvjaġġajna sa Mandera. F'għaxart ijiem ivvjaġġajna ftit aktar minn 2000km. F'Wajir u Mandera tgħidx kemm wasalna sbieħ, kollna trab. Għadni nħoss l-effett ta' l-għeja.




Joseph Flask



# Il-Beata Marija Adeodata Pisani OSB u l-Ewkaristija




"...mill-mod kif kienet toqgħod quddiem is-Sagrament, mingħajr ma tiċċaqlaq u qisha f'estasi jidher ċar il-kobor tal-fidi tagħha f'Alla" (P.E. Piacentini OFM Konv., Postulatur: *Informatio super virtutibus*, p.71).

"Illum, 3 ta' Mejju 1843: Nixtieq nikkonsagra lill-Mulej ir-ruħ tiegħi kollha kemm hi b'għemejjel bla ma jaqtgħu ta' adorazzjoni lill-Qawwa Tiegħu, b'għemejjel ta' qima u ta' radd il-ħajr lill-Għerf Tiegħu, u b'għemejjel ta' mħabba lit-Tjubija Tiegħu: aktar ukoll, nixtieq noffrilu qalbi kollha kemm hi u fiha tidħol imħabba waħda u xewqa waħda: jiġifieri li nkun nippossjedi lil Alla biss, u nkun kollni kemm jiena Tiegħu..." (Beata M.A.Pisani OSB: Ġnien Mistiku)

Dawn huma biss żewġ siltiet mislutin mix-xiehda ta' dawk kollha, fosthom Sorijiet li għal xi żmien għexu mal-Beata Marija Adeodata fil-Monasteru San Pietru tas-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura, li meta mitluba taw sehemhom fl-istħarriġ li kien sar mill-Knisja, f'Malta kif ukoll f'Ruma, waqt il-Proċess Appostoliku. Huma żewġ siltiet li waħedhom huma biżżejjed biex ifissru l-imħabba bla qies li l-Beata Marija Adeodata kellha lejn l-Ewkaristija. Ħajjet il-Beata Marija Adeodata kienet ibbażata fuq il-preżenza u l-imħabba kbira ta' Alla. Dan jirriżulta ċar mill-vot ta' l-esperti fil-laqgħa tal-Kungress Speċjali tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, nhar it-13 ta' Frar 2001, biex ġie ddikjarat li l-Beata Marija Adeodata kienet tabilħaqq għexet u qiegħdet fil-prattika l-virtujiet teologali u kardinali.




Hija kienet xempju ħaj ta' Monaka Benedittina, li fil-ħajja spiritwali u interjuri tagħha trid tfittex li tgħix maqtugħa minn kollox, ħalli tkun marbuta biss ma' Alla. Għalhekk kienet tgħaddi l-parti l-kbira ta' ħinha, anki meta kienet magħdura sew u qrib tmiem ħajjitha, mixħuta f'riġlejh, tixtarr u taħseb fuq il-kobor, it-tjubija, l-umiltà u l-ħniena tiegħu, toffri lilha nfisha b'mod sħiħ għas-servizz tiegħu u ta' l-oħrajn. "Nipprova ngħaddi aktar ħin fil-preżenza ta' Alla, ħerqana li nħobbu dejjem iktar bla waqfien" (Beata M.A. Pisani OSB: *Ġnien Mistiku*). Fl-ispirtu tar-Regola tal-Patrijarka u Missier tagħha San Benedittu hija fittxet l-għaqda sħiħa ma' Alla u għamlet kulma setgħet biex tikseb il-perfezzjoni, "biex nilħqu l-milja tal-perfezzjoni rridu nagħmlu dak kollu li Alla jrid minna filwaqt li nħallu lil Alla jaħdem fina" (Beata M.A. Pisani OSB: *Massimi Direttur Spiritwali* - 28 ta' Settembru 1836). Il-



perfezzjoni kienet tfittixha u ssibha quddiem Ġesù Sagramentat. Min jaf kemm-il darba fil-ħemda tal-lejl kienet tinżel fil-Knisja tal-Monasteru San Pietru, fejn għexet u mietet ta' qaddisa, u tgħaddi sigħat twal quddiem Ġesù Ewkaristija. Ovvjament, kienet bniedma bħall-oħrajn u għaldaqstant mhux l-ewwel darba li għajnejha kienu jmorru biha. Imma meta xi Soru kienet tintebaħ biha u bil-mod kienet tersaq lejha, iċċaqlaqha u tgħidilha biex tmur tistrieħ f'kamritha dlonk kienet twieġeb, "Jiena qiegħda mal-Mulej".

Il-ġabra liema bħalha li biha kienet tersaq quddiem Ġesù Sagramentat ma kinetx riżultat tal-vokazzjoni monastika tagħha. Sa miċ-ċokon kellha ġibda mhux tas-soltu lejn is-Sagrament Divin. Dak in-nhar li rċeviet l-Ewwel Tqarbina, fil-Kulleġġ *Santa Maria dei Miracoli* fejn kienet iddaħħlet wara l-mewt ta' nannitha, għamlet talba, li skond xhieda, wara li talbet lil Ġesù Ostja biex ommha u missierha jerġgħu flimkien żiedet tgħid ħerqana: "Ġesù, illum inħossni ferħana ħafna għaliex inti dħalt ġewwa qalbi. Agħmel, li nibqa' nżommok dejjem ġewwa fija u ma nitbiegħed qatt minnek!" Meta mbagħad, ta' anqas minn 20 sena, ġiet Malta għal kollox u marret tgħix ir-Rabat, kienet tiffrekwenta l-aktar il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, tal-Franġiskani Minuri, fejn skond ma xehed Fra Antonio Maria di Malta, Franġiskan, il-Konfessur tagħha, "kienet tisma' l-quddiesa kuljum, ġieli iktar minn waħda, u wara li titqarben tgħaddi ħin twil quddiem Ġesù Sagramentat". Avolja kienet għad lanqas kellha l-ħsieb li tiddedika ħajjitha lil Alla, xorta waħda kienet tagħmel kull mezz biex titqarben kuljum. Kienet għatxana għal Ġesù Ewkaristija, "bħall-għarusa ħerqana li ma tistax tgħix mingħajr id-dehra ta' l-Immakulat Maħbub tagħha. L-għarusa li għax temmen bis-sħiħ jirnexxilha tidħol fil-Maqdes sigriet fejn issib dak li kienet qed tfittex u titgħaxxaq bid-dehra divina ta' l-Iben fil-Missier u l-Missier fl-Iben" (San Bernard ta' Kjaravalle: *In Cantica, Serm. LXXXVI*).

Is-serħan tar-ruħ l-għarusa ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet kif ikkummentat minn San Bernard, il-Beata Marija Adeodata sabitu meta daħlet Soru Benedittina fil-Monasteru San Pietru u fejn għexet fil-preżenza kontinwa ta' Ġesù fit-Tabernaklu. L-għaxqa tagħha u l-għan ewlieni tal-ġurnata tagħha kienet tilħaqha fil-mument tat-Tqarbin Imqaddes. Kienet tinbidel tant li wħud mis-Sorijiet, fosthom Swor Marija Felicissima Parnis OSB, xehdu li, "id-devozzjoni kbira u l-ħerqa li biha l-Beata kienet tersaq lejn it-Tqarbin, kienet tqanqal fihom xewqa qaddisa biex huma wkoll jersqu ħalli jirċievu l-Ostja Mqaddsa". Proprju bħall-għarusa biblika, fil-*Ġnien Mistiku*, il-Beata Marija Adeodata kitbet: "Nipproponi li ma nħalli qatt it-Tqarbin Imqaddes minħabba skrupli jew għal xi raġuni oħra li ma tkunx ġusta: iżda, nilqa' lill-Mulej bl-imħabba kollha, bl-umiltà u bl-ubbidjenza. Kull darba mbagħad li l-Mulej ikun irid iċaħħadni minn dan, billi jippermetti li niġi privata minnu, b'kull mod li jista' jkun hemm jiena nirrassenja ruħi, lesta li nobdi f'dan ukoll ir-rieda divina u nirċevih spiritwalment" (ara wkoll P. Tartaglia: *Una mistica stella riscoperta*, pp.120 u ss, M/s).

Mhux l-ewwel darba li l-Beata Marija Adeodata kienet tħeġġeġ lil sħabha s-Sorijiet biex jgħixu fil-preżenza ta' Alla u jersqu lejn l-Ewkaristija li hija kienet tqis bħala l-għajn tal-virtujiet kollha. Kien biex jaqsmu magħha l-istess qawwa ta' mħabba għal Ġesù fl-Ewkaristija li hija fasslet u kitbet *Visitatio ad Jesum*. Ta' min jgħid li fost il-134 biċċa xogħol li kitbet il-Beata, tnejn mhumiex oriġinali, fosthom din il-Viżta meħuda minn *Dottrina per fare le visite del' Santissimo Sacramento Eucaristico* (Arkivju Monasteru San Pietru, Vol.6-11), li nkitbet fl-1745. Imma xorta waħda għandha preġju għaliex bi sforz kbir għaliha u biex żgur jifhimha kulħadd qalbitha għall-Malti, ovvjament kif kien irnexxielha titgħallmu hi. Xtaqt li kieku kelli iktar spazju u nxandar imqar l-introduzzjoni għal din il-Viżta, bil-Malti ta' żmiennha minn Br Michael Buttigieg (ta' De La Salle) li b'ilsien mirqum u mexxej ma tellef xejn mill-ħsieb profond u qawwi li l-Beata Marija Adeodata Pisani OSB kellha lejn l-Ewkaristija, il-pedament li fuqu hija fasslet u għexet il-ħajja spiritwali u monastika tagħha.

# ITTRA LILL-EDITUR

Għażiż Father,

L-ewwelnett minn qalbi nawguralek fil-ħidma ġdida tiegħek. Grazzi ħafna tal-pocket diary. Veru sabiħ u napprezzah. Hawn għandek il-flus tal-biljetti kif ukoll inġedded l-abbonament f'**Dawl Franġiskan**. Veru magazine fin u interessanti. Il-bqija tal-flus bħala għotja għall-Missjoni tal-Kenja.

Grazzi u itlob għalina.

**Catherine Magro**



# TISLIBA - 48

1. Hekk għamlu ħa ssibu maħfra. (Lq 6,37) (5)
2. Umiltà u iżjed kollha. (2 Kor 10,1) (6)
3. *Saħħaħ* qalbek. (Ħag 2,4) (5)
4. Taħbit u din. (Koħ 2,22) (5)
5. Dan tiegħek ta' kulħadd. (Naħ 3,19) (4)
6. Sa ma kibret qisha rix. (Dan 4,30) (5)
7. Qalb iżjed minn twajba. (1 Pt 3,4) (5)
8. Ibqa' f'din il-belt. (1 Tim 1,3) (5)
9. Kif... ileħħu l-vleġeġ. (Ħab 3,11) (3)
10. Hekk għamilt fuq li għamilt. (Ġer 11,7) (7)
11. u 12. Li kien *tella'* missieru. (2 Slat 3,2) (6)
13. Hekk kienu n-nies. (Ġoż 4,12) (6)
14. Aqwa u ... perfetta. (Lhud 9,11) (5)
15. Isem il-ħdax-il xahar. (Żak 1,7) (5)
16. ...kieku żammejtu. (Film 13) (5)
17. *Mur* minn quddiemi. (Mk 8,33) (5)
18. Flimkien ma' dan u l-bqija. )Fil 4,3) (7)
19. U waslu hawn. (Eż 15,27) (4)
20. Isħet 'l Alla u ... (Ġob 2,9) (3)
21. U Sawl qal lil dan. (1 Sam 14,18) (5)
22. Irħejt għal din lill-kapijiet. (Ġdt 9,3) (5)

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU:**
***1. u 11. Inqaċċat; 2. Akwila; 3. Itulu; 4. u 12. Ordnalek; 5. Iddi; 6. Rażan; 7. Niket; 8. Ridna; 9. Agi; 10. Lenbija; 11. ara 1.; 12. ara 4; 13. Ewfrat; 14. Ġamar; 15. Ilfiq; 16. Anġli; 17. Blata; 18. Askalon; 19. Kbar; 20. Ful; 21. Arani; 22. Lvant***

Ir-Rebbieħa ta' Novembru hija:
Josephine Craus minn Ħaż-Żabbar. Nifirħulek!

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

# Rokna għat-Tfal

**Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom ismijiet ta' pajjiżi u bliet fit-testment il-ġdid. Araw jekk jirnexxilkomx issibuhom biex b'hekk tkunu tistgħu tirbħu rigal sabiħ!**

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | J | I | L | I | L | A | G | Ħ | N | N |
| U | B | E | T | A | N | J | A | R | A | F | A |
| H | Ġ | E | R | I | K | O | P | Z | J | J | F |
| A | U | T | T | I | Ġ | E | A | T | I | R | T |
| N | I | F | S | I | H | R | N | D | T | B | A |
| R | S | Ż | I | A | E | Ġ | U | R | A | E | L |
| A | I | Ż | R | T | R | H | B | L | M | T | I |
| T | J | P | J | A | L | A | E | N | I | S | N |
| A | O | N | A | I | E | H | D | M | R | A | O |
| K | N | D | F | A | Ġ | L | S | A | A | J | D |
| T | U | P | C | I | R | E | N | I | G | D | I |
| Ġ | E | R | U | S | A | L | E | M | M | A | S |

**Arimatija**
**Betanja**
**Betlehem**
**Betsajda**
**Ċireni**
**Eġittu**
**Ġeriko**
**Ġerusalem**
**Ġuda**
**Gadara**
**Galilija**
**Iżrael**
**Kafarnahum**
**Lhudija**
**Naftali**
**Nazaret**
**Sidon**
**Sijon**
**Sirja**
**Tir**



**Ir-Rebbieħa ta' Novembru hija: Luana Cassar minn Ħal Qormi. Nifirħulek!**

Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-Librerija Preca (Tal-M.U.S.E.U.M.) ta' Blata l-Bajda.

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

Br Ivan Scicluna OFMCap

# KIF NINDUNA BIH? (1)

'Alla jħobbna', 'Alla jsejħilna', 'Alla qiegħed fostna', 'Alla jaħdem fina'. Dawn l-espressjonijiet u oħrajn bħalhom, li tant jaħbtu ma' widnejna, jagħtuna x'nifhmu li Alla l-għors tiegħu li jirrelata u jagħmilha magħna l-bnedmin. U hekk hu! Għalhekk, tkun tassew ħasra jekk qajla nindunaw biH fiż-żifna tal-ħajja ta' kuljum! Mhux ta' b'xejn li Santu Wistin lissen b'qalb attenta u ġġammar b'imħabba għal Alla: 'Nibża' li l-Mulej jgħaddi minn ħajti u ma nindunax!'.

Għalhekk, jekk nemmnu li ħajjitna b'Alla jew mingħajru mhix xorta, jeħtieġ li nibdew nitħarrġu f'dak li jissejjaħ 'dixxerniment', jiġifieri, il-kapaċità li nagħrfu bejn dak li ġej minn Alla u dak li mhuwiex ġej minnu. Jekk dan il-parir jgħodd għal kull Nisrani, jgħodd b'mod partikulari għal min ġo qalbu jħoss xrara ta' vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża.

Ħafna drabi, waħda mill-beżgħat f'qalb persuna li tibda taħseb bis-serjetà dwar ħajja mogħtija lil Alla fis-saċerdozju jew fil-Ħajja Kkonsagrata, tkun jekk dak li qed tħoss u tesperjenza din il-persuna hux tabilħaqq ġej minn Alla jew le. Għalhekk, f'dan l-artiklu u f'dak tax-xahar id-dieħel, se nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn xi siltiet mir-rakkonti tal-qawmien li nsibu fl-Evanġelji li jistgħu jgħinu lil xi ħadd li qed iħossu msejjaħ għal dan it-tip ta' ħajja biex jiddixxerni aħjar jekk tabilħaqq huwiex il-Mulej li qiegħed fil-logħba jew le.



Ta' min jinnota li, meta jiltaqgħu ma' Kristu rxuxtat, il-protagonisti tar-rakkonti tal-qawmien ma jintebħux biH. Hekk, per eżempju, meta Marija ta' Magdala lemħet lil Ġesù ħdejn il-qabar, ħasbet li kien il-ġennien (Ġn 20:11-18). Għarfitu biss meta sejħilha b'isimha avolja kienet daħarha lejh! Fi kliem ieħor, għarfitu għax kienet familjari ma' dak il-leħen li min jaf kemm-il darba kienet tpaxxiet tisimgħu mgessa mal-folol li kienu jrossu ma' Ġesù u jibqgħu mistagħġba bil-kliem mimli ħlewwa li kien joħroġ minn fommu (Lq 4:22).

Forsi bla ma taf, Marija ta' Magdala kixfitilna sigriet li jiswa mitqlu deheb fil-proċess ta' dixxerniment spiritwali: li biex nagħrfu leħen il-Mulej f'ħajjitna rridu nkunu familjari miegħU. Iktar ma nsiru ta' ġewwa ma' Ġesù iktar nistgħu nindunaw bil-mod ta' kif qed jirrelata magħna jum wara ieħor u ta' kif qed jirrivelalna r-rieda tiegħu għalina b'mod personali.

Dan il-prinċipju sempliċi imma mimli verità nistgħu nsaħħuh b'żewġ eżempji ħelwin meħudin wieħed mill-għalqa saċerdotali u l-ieħor mill-ambjent tal-familja. L-ewwel: għaliex saċerdot li mar biex jippriedka quddiem sala nies, jinduna, minkejja l-folla li għandu quddiemu, li l-persuna li sema' tqaħqaħ mingħajr ma raha hija ommu? Sempliċi: għax huwa midħla ħafna ta' ommu u s-snin li qatta' ma' djulha ġegħluh jagħraf it-tqaħqiħa tagħha mingħajr diffikultà ta' xejn. It-tieni: għaliex il-ġenituri li għandhom xi tifel b'diżabbilità jindunaw qabel kulħadd xi jrid dak iċ-ċkejken ma' l-iċken ċaqliqa jew għajta? Mhux għax huwa demm minn demmhom u għadam minn għadamhom? Fi kliem ieħor, mhux għax huma ta' ġewwa miegħu u jafuh aktar minn kull persuna oħra tad-demm u l-laħam?

Naħseb li biex insiru midħla ta' Ġesù mhemmx mezz aqwa mit-talb. Għallinqas, l-ewwel parir li ngħata lili meta rnexxieli nżerżaqha mad-direttur spiritwali tiegħi li f'qalbi kont qed inħoss tagħrixa ta' vokazzjoni kien proprju dan: "Ivan, itlob!" U mn'Alla obdejt għax biż-żmien, f'mixja ta' talb u intimità ma' Ġesù, bdejt niskopri – għall-akbar ferħ tiegħi – li ħajja ta' konsagrazzjoni totali lil Ġesù kienet l-iktar xewqa profonda li Ġesù kien qed jiżra' f'qalbi, xewqa li bdiet trabbi għeruq sewwa fija u taħkimni iktar minn kull ġibda jew tħajjira oħra li setgħet tikkompetilha.

Għalhekk, nawgura lil kull min qed iħoss xi vokazzjoni tberren f'qalbu biex jintasab bla heda f'riġlejn Ġesù fit-talb ħalli jibni relazzjoni ta' mħabba ma' Dak li huwa l-Imħabba nfisha (1 Ġw 4:16) u hekk jagħraf jiddixxerni sewwa u bil-għaqal jekk dak li qed jesperjenza hux tabilħaqq ġej minn Alla jew minn xi ħaġ'oħra li mhix Alla.•

# WERREJ GĦAS-SENA 2004


**EDITORJAL minn P. Joe Alessandro OFMCap**

"Nagħtikom il-paċi tiegħi" — Jannar p.3
Jum il-Morda f'Lourdes — Frar p.3
U wara l-40? — Marzu p.3
Nikkultivaw il-Ħajja — April p.3
L-Għarusa ta'l-Ispirtu s-Santu — Mejju p.3
Eżamijiet u vaganzi — Ġunju/Lulju p.3

**minn P. Leonard Falzon OFMCap**

Fid-Dawl inħarsu lil ta' madwarna — Awissu/Settembru p.3
Is-Sena ta' l-Ewkaristija f'Dawl Franġiskan — Ottubru p.3
...Dak li nixtieq inkun — Novembru p.3
"Kbir f'għemilu l-Mulej magħna" — Diċembru p.3

**DIFFIKULTAJIET BIBLIĊI minn P. Donat Spiteri OFMCap**

Ħolqien u Evoluzzjoni — Jannar p.4
Il-Kustilja ta' Adam — Marzu p.4
Alla tal-Patt il-Qadim — Ġunju/Lulju p.4
Mis-Sibt għall-Ħadd — Novembru p.4

**PERSONAĠĠI BIBLIĊI minn Mons. Lawrenz Sciberras**

Ġosija: fost l-aktar twajbin — Frar p.4
Eżdra: mexxej ideali — Mejju p.4
Isaija: il-prinċep tal-profeti — Awissu/Settembru p.4
Ġeremija: bniedem sofferenti — Ottubru p.4
Eżekjel: Iben l-Eżilju — Diċembru p.4

**TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA minn P. William Axiaq OMCap**

• Professjonalità fuq ir-radjijiet • Kristalizzazzjoni tal-moħħ fuq iż-żewġ mexxejja politiċi • Tieġ bi żwieġ serju — Jannar p.6
• Investiment ta' malajr fil-Qrar • Il-Misteri tad-Dawl • Bejgħ sintomatiku — Frar p.6
• Ċerti deċiżjonijiet • Eżistenza vojta • Skart f'irqajja tal-ħamrija — Marzu p.6
• Tqarbin jew bligħ ta' ostja • Anomaliji ta' ċerti nsara • Qamar il-għasel — Mejju p.6
• Diski inkejjużi • Bandieri tal-Każini • Idolatrija tal-vara — Ġunju/Lulju p.6
• Pompożità u vanità • Pretensjoni ta' reliġjon — Awissu/Settembru p.6
• Bħas-sħab f'riħ qawwi — Ottubru p.6
• Persuni mingħajr kompromessi • Professjonalità jew Professjonaliżmu — Novembru p.6
• Kumplott Sieket • Ċerti Funerali • Alibi? — Diċembru p.6

**FRANĠISKANIŻMU: OFS minn P.Frans Abela OFMCap**

Paradossi Evanġeliċi (1) — Jannar p.15
Paradossi Evanġeliċi (2) — Frar p.13
Paradossi Evanġeliċi (3) — Marzu p.13
Kopja fidila u oriġinali (1) — April p.21
Kopja fidila u oriġinali (2) — Mejju p.11
Kopja fidila u oriġinali (3) — Ġunju/Lulju p.13
Franġisku inkulturat mill-Evanġelju u prattikanti tiegħu (1) — Awissu/Settembru p.21
Kariżma Franġiskan: L-Għejxien ta' l-Evanġelju (1) — Novembru p.21
Kariżma Franġiskan: L-Għejxien ta' l-Evanġelju (2) — Diċembru p.21

**FRANĠISKANIŻMU: ŻGĦAŻAGĦ (ĠiFra)**

Int sibtu lil Ġesù? - James Mallia — Jannar p.19
Int biċċa...biċċiet...jew sħiħ? - Rachel Gatt — Frar p.12
Riflessjoni, Sagrifiċċju u Talb - Stephanie Cassar — Marzu p.12
Is-sema: Dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx - Umberto Mule Stagno — April p.14
Il-paċi tibda minnek - Marjoe Callus — Mejju p.21
Id-divertiment jew il-ħin liberu ibegħedna minn Alla? - Henry Fenech — Ġunju/Lulju p.10
L-esperjenza ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem – Maria Aquilina — Awissu/Settembru p.11
Fit-tikmix ta'l-għajnejn naraw ukoll ir-raġġi tad-dawl - Dorianne Penza — Ottubru p.22
Memorji u Anniversarji - Josef Fitzpatrick — Novembru p.11

**FRANĠISKANIŻMU: SPIRITWALITÀ**

Ċentru Internazjonali Franġiskan għad-Djalogu - P. Mario Attard OFMCap — Jannar p.12
L-Ispirtu s-Santu f'Santa Klara - Sr. Marie B. Aquilina OSC — Jannar p.23

**FRANĠISKANIŻMU: KULTURA minn Br Andrè Azzopardi**

**Il-qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-knejjes Maltin**

Imsida, Naxxar, Baħar iċ-Ċagħaq, Paola (Kristu Re) — Jannar p.16
Paola (S. Antnin), Imqabba — Frar p.16
Ħamrun (Fra Diegu), Qormi (S. Ġorġ) — Marzu p.16
Rabat (Franġiskani Konventwali) — April p.16
Rabat (Franġiskani Konventwali) — Mejju p.16
Rabat (Franġiskani Minuri) — Ġunju/Lulju p.16
Rabat (Franġiskani Minuri, Dumnikani) — Awissu/Settembru p.16
San Ġiljan (Klarissi), San Ġwann, Senglea (S. Ġiljan) — Ottubru p.16
San Pawl il-Baħar, Qawra, Xemxija — Novembru p.16
Sliema (Sacro Cour, S. Girgor) — Diċembru p.16

**MISSJONI: KENJA**

Mixja ta' 30 sena fil-Kenja — Jannar p.9
L-istorja ta' ħajti - Majok Kuol Akol — Frar p.8
30 sena Preżenza tal-Kapuċċini fil-Kenja — April p.8
Għoxrin sena Isqof fil-Missjoni - P. Silvestru Bonavia OFMCap — Ġunju/Lulju p.8
Ir-reġistru tal-magħmudija - P. Hilary Abela OFMCap — Ġunju/Lulju p.14
Mons. Giovanni Tonucci, Nunzju Appostoliku tal-Kenja, iżur id-Djoċesi ta' Garissa - Br John Cassar OFMCap — Novembru p.22

## MISSJONI: AĦBARIJIET MILL-KENJA

| | |
|---|---|
| Djaknu fil-Viċi Provinċja tal-Kenja | Jannar p.26 |
| Laqgħat għall-Kapuċċini fil-Kenja | Marzu p.25 |
| Knisja ġdida fil-Missjoni | Mejju p.8 |
| **Ordinazzjoni Saċerdotali** Wegħdiet Perpetwi | Awissu/Settembru p.24 |
| L-għomja jaraw | Novembru p.25 |
| Ordinazzjoni f'Malindi | Novembru p.24 |

## MISSJONI: KUBA minn P.Philip Cutajar OFMCap

| | |
|---|---|
| "Il-Missjoni tas-sajf" f'Santa Ana | Jannar p.20 |
| Ġemellaġġ mal-Parroċċa ta' Santa Ana f'Kuba | Frar p.19 |
| "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (1) | Marzu p.19 |
| "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (2) | April p.19 |
| "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (3) | Mejju p.19 |
| "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (4) | Ġunju/Lulju p.19 |
| "Il-Preżenza Soċjali tal-Knisja" (5) | Awissu/Settembru p.19 |
| Il-Ħidma Pastorali tas-Saħħa fil-Knisja Kubana (1) | Ottubru p.19 |
| L-ewwel Djaknu Kuban | Ottubru p.21 |
| Messaġġ bl-email mingħand Patri Philip Cutajar OFMCap missjunarju f'Kuba | Novembru p.19 |
| Il-Ħidma Pastorali tas-Saħħa fil-Knisja Kubana (2) | Diċembru p.20 |

## MISSJONI: TANZANIJA minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

| | |
|---|---|
| Igino li għamel suċċess b'ħajtu | Marzu p.8 |

## JIKTBULNA L-MISSJUNARJI

| | |
|---|---|
| Tfal fil-bżonn f'Garissa - Br John Cassar OFMCap | Jannar p.8 |
| "Kont għeri u libbistuni" - P. Spiro Galea OFMCap | Mejju p.9 |
| Straġi fin-nursery ta' Mororo - Br John Cassar OFMCap | Diċembru p.24 |

## MISSJUNARJI JŻURUNA

| | |
|---|---|
| P. Philip Cutajar | Mejju p.20 |
| Mons. Francis Baldacchino | Ġunju/Lulju p.26 |
| Mons. Pawlu Darmanin | Awissu/Settembru p.24 |
| P. Manwel Barbara | Awissu/Settembru p.24 |

## TWEĠIBA minn P. William Axiaq OFMCap

| | |
|---|---|
| L-attività sesswali fiż-żwieġ tfixkel il-qdusija? | Jannar p.18 |
| Żewġi xebbagħni sa mnieħri! | Frar p.18 |
| Lil żewġi nafdah ma' star ta' Hollywood? | Marzu p.18 |
| Semmejt isem raġel ieħor taħt l-effett tal-loppju | April p.18 |
| Evanġelju taż-żwieġ u tal-familja | Mejju p.18 |
| "Fil-biża' ta' Kristu!" | Ġunju/Lulju p.18 |
| Żewġi quddiem il-pornografija | Awissu/Settembru p.18 |
| Inħossni taparsi miżżewġa! | Ottubru p. 18 |
| X'rigal nista' nagħti? | Novembru p.18 |
| Inkompli nisma' r-radju? | Diċembru p.18 |

## INTERVISTI minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

| | |
|---|---|
| P. Mawrizju Cassar | Frar p.14 |
| P. Spiru Galea | Marzu p.14 |
| P. Teodosju Meli | Mejju p.15 |
| P. Alfred Baldacchino | Ġunju/Lulju p.23 |
| P. Lawrenz Briffa | Awissu/Settembru p.23 |
| Mons. Pawlu Darmanin | Ottubru p.8 |
| P. Joe Alessandro | Diċembru p.8 |

## NEKROLOĠIJI minn P.Franġisku Azzopardi OFMCap

| | |
|---|---|
| P. Anton Mompalao OFMCap 1946-2003 | April p.25 |

## OĦTNA L-MEWT IŻŻURNA

| | |
|---|---|
| P.Anton Mompalao OFMCap | Frar p.25 |
| Victoria Caruana | April p.24 |
| Maria Gatt | Mejju p.26 |
| Rose Abela | Ottubru p.26 |
| Nazzareno Axiaq | Ottubru p.26 |

## AĦBARIJIET

| | |
|---|---|
| • Kliem il-Ħajja • Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini | Jannar p.26 |
| • Statistika 2003 • Dehriet tal-Madonna ta' Lourdes • Oratorju 50 sena tal-Patrijiet f'Għajn Dwieli | Frar p.25 |
| Ftuħ tal-Librerija Biblika | Marzu p.21 |
| M'hemmx imħabba akbar....milli 2 give | Marzu p.26 |
| • M'hemmx imħabba akbar....milli 2 give • Laqgħa ta'l-Ordni Franġiskan Kapuċċin fl-Etjopja • Oratorju Sagru | April p.23 |
| Żewġt Aħwa għamluha! | Mejju p.12 |
| Riżultat tal-Lotterija tal-Milied | Mejju p.25 |
| • P. Silvestru Bonavia lura Malta • L-64 Kapitlu tal-Provinċja Kapuċċina ta' Malta • Coffee Morning b'riżq il-missjoni • Ġurnata missjunarja b'risq il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin | Mejju p.26 |
| L-64 Kapitlu tal-Provinċja Kapuċċina ta' Malta | Ġunju/Lulju p.12 |
| Kor Fjur t'Assisi | Ġunju/Lulju p.26 |
| Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin • Riżultat tal-Lotterija | Awissu/Settembru p.8 |
| • Kunsill Nazzjonali Ġdid għall-Franġiskani Sekulari f'Malta • Laqgħa ta' Formazzjoni u ta' ringrazzjament lil P.Krispin Tabone | Awissu/Settembru p.22 |
| • L-Ewwel laqgħa taċ-CENOC • Kantata fuq l-istorja tal-Marsa • Fr.Joseph Calleja OFMCap jiggradwa fil-European Certificate for Psychotherapists • Patri Remiġju Galea OFMCap jiċċelebra l-40 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu | Awissu/Settembru p.25 |
| Professjoni Temporanja (K. Aquilina) | Ottubru p.24 |
| • Midalja ta' Mertu lill-Patri Joe Mallia OFMCap • Ordinazzjoni tad-Djakonat lil żewġ Kapuċċini, Andrè Azzopardi u Hayden Williams • Patri Effie Mallia OFMCap Kappillan fil-parroċċa Sidtna Marija ta' Lourdes f'San Ġwann • Patri Pawl Bugeja OFMCap Kappillan tal-parroċċa Marija Reġina fil-Marsa | Novembru p. 8 |
| Djakonat | Diċembru p.14 |

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

| | |
|---|---|
| L-Ittri Kattoliċi - P. Donat Spiteri OFMCap | Jannar p.5 |
| IŻ-ŻWIEĠ NISRANI: Don-Kisba-Qadi - P. William Axiaq OFMCap | Jannar p.13 |

Kliem il-Ħajja Jannar p.26; Mejju p.27; Ottubru p.25
Qalb għall-Marid - P. William Axiaq OFMCap Frar p.7
In Joyful and Serene Service of his Lord's Word f'Melita Theologica - P. Martin Micallef OFMCap Marzu p.21
Meta Ġesu Jieqaf - P. Martin Micallef OFMCap Mejju p.26
Liturgical Music in the Franciscan Capuchin Legislation - P. Anton Briffa OFMCap Ġunju/Lulju p.26
Ulied u Werrieta - P. Donat Spiteri OFMCap Novembru p.5

## MILL-ITTRI TAL-QARREJJA

Jannar p.29; Frar p.26; Marzu p.24; April p.15; Mejju p. 10; Ġunju/Lulju p.25; Awissu/Settembru p.29. Diċembru p. 26

## KRISTJANEŻMU minn P. Joe Buttigieg OFMCap

L-ewwel knisja mibnija f'ġieħ il-Madonna u l-Konċilju ta' Efesu 431 Jannar p.10
Il-Grotta ta' San Pietru Frar p.10
L-Art Imqaddsa tal-Knisja Marzu p.10
Efesu April p.12
Iżmir: L-isbaħ belt tal-Asja ż-żgħira Mejju p.22
Pergam: Fejn joqgħod ix-xitan Ġunju/Lulju p.21
Tjatira: Belt bla ġieħ Awissu/Settembru p.14
Sardi: Il-Belt ta' Esopu Ottubru p.14
Filadelfja: Ateni Żgħira Novembru p.14
Laodiċija: Il-Metropoli ta' l-Asja Diċembru p.13

## NOVELLI

Iċ-'ċikkulata' u l-ħallelin - Mary Haber Janar p.28
Imriewaħ tal-Palm (1) - Lina Brockdorff Frar p.28
Imriewaħ tal-Palm (2) - Lina Brockdorff Marzu p.28
Tħallix għal għada - Jeanette Falzon Mejju p.28
Meta jixxarbu l-ġwienaħ - Lina Brockdorff Ġunju/Lulju p.28
Stilla minn ġot-tajn - Jeanette Falzon Awissu/Settembru p.28
Ħriġt nagħmel ix-xirja...- Lina Brockdorff Novembru p.28

## POEŻIJI

Ħsieb ta' tarbija qatt imwielda - Jeanette Falzon Jannar p.25
Meta nħares lejn is-sħab - Profs. Oliver Friggieri Frar p.27
Pietru - Mons. Francis Baldacchino Marzu p. 27
Sebaħ Jum il-Fidwa: Introjtu ta' l-Għid - Profs. Oliver Friggieri April p. 29
Fil-Professjoni ta' Ħutna Andrè u Hayden fil-parroċċa ta' San Ġwann - P. Remiġ Galea OFMCap Mejju p.13
Sibt ħabib Ġunju/Lulju p.29
P. Remiġju Galea OFMCap 40 Sena Saċerdot - Kav. Joe M. Attard Awissu/Settembru p.26
San Franġisk t'Assisi...u jien - Mario Griscti Ottubru p.23
Milied - Kav. Joe M. Attard Diċembru p.22

## VOKAZZJONIJIET

Tkellem Mulej - Br Dennis Calleja OFMCap Jannar p. 31
Xi trid Mulej? - Br Dennis Calleja OFMCap Frar p. 31
Irrid inħobbok....għal dejjem - Br Andrè Azzopardi OFMCap u Br Hayden Williams OFMCap Marzu p.31
Alla li ma jorqodx - Br Dennis Calleja OFMCap April p.31
Il-41 Jum Dinji tal-Vokazzjonijiet Mejju p.31
Mixja avventuruża - Br Dennis Calleja OFMCap Ġunju/Lulju p.31
Is-Sejħa - Br Dennis Calleja OFMCap Awissu/Settembru p.31
Jigsaw Puzzle - Br Dennis Calleja OFMCap Ottubru p.31
Emmaus - Br Dennis Calleja OFMCap Novembru p.31
Kif ninduna bih...! – Br Ivan Scicluna OFMCap Diċembru p.28

## TALB GĦAL KULL XAHAR

Marzu p.5; April p.13;Mejju p.23; Ġunju/Lulju p.22; Awissu/Settembru p.5; Ottubru p.7; Novembru p.27; Diċembru p.13.

## LEJN ALLA BL-ISPORT minn Joe Attard

Jannar p.27; Frar p.15; Marzu p.15; Mejju p.24; Ġunju/Lulju p.11; Awissu/Settembru p.10; Novembru p.10; Diċembru p.11.

## ĦAJJA NISRANIJA

Li tagħti isbaħ milli tirċievi - Lawrence M. Mangion Jannar p.14
Kliem il-Ħajja: 30 sena ta' servizz lill-Kelma ta' Alla - P. Martin Micallef OFMCap Frar p.22
Ma' l-innoċenti li jsofri - P. Joe Calleja OFMCap April p.22
Ma' l-imgħaddab li jsofri - P. Joe Calleja OFMCap Mejju p.14
Ma' l-imnikket li jsofri - P. Joe Calleja OFMCap Ġunju/Lulju p.24

## KITBIET VARJI

L-Ewwel Frott – Emmanuel Schembri Jannar p.20
Il-Mixja lejn is-Saltna – Br Dennis Calleja OFMCap Frar p.21
Il-Beata Marija Adeodata Pisani u d-devozjoni tagħha lejn San Ġużepp - Joe Flask Marzu p.22
Mill-film tal-Passjoni għall-Evanġelji tal-Passjoni - P. Martin Micallef OFMCap April p.4
50 Anniversarju: L-Istatwa ta' San Franġisk t'Assisi fil-Floriana Awissu/Settembru p.12
Ir-Responsabbiltà tagħna l-ġenituri fl-edukazzjoni ta' wliedna - Colin Calleja Novembru p.12
Music Mania Novembru p.20
Kantanti b'messaġġ Diċembru p.19
Il-Qdusija ta' Marija Diċembru p.23
Werrej Diċembru p.29

## EWKARISTIJA

L-Ewkaristija fil-Qdusija ta' S. Veronka Giuliani - P. Lawrenz Briffa OFMCap Ottubru p.27
L-Ewkaristija fil-Kitba ta' Dun Ġorġ - John Formosa Novembru p.26
L-Ewkaristija u l-Beata Marija Adeodata Pisani OSB Joe Flask Diċembru p.25

## ĦAJR LILL-

Studenti Jannar p.11
Benefatturi re: Bazaar Jannar p.22
Parroċċa tal-Floriana Ġunju/Lulju p.26
Parroċċa tax-Xagħra Awissu/Settembru p.11

# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BORŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**

**P. Crispin Tabone OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874,**
**2123 4949,**
**2122 5525.**

